**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għas-Sajd*

**2016/0074(COD)**

2.5.2017

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1098/2007 (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1343/2011 u(UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005
(COM(2016)0134) – C8-0117/2016 – 2016/0074(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Gabriel Mato

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

NOTA SPJEGATTIVA........................................................................................................ 133

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1098/2007 (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1343/2011 u(UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005**
**(COM(2016)0134 – C8-0117/2016 – 2016/0074) – C8-0117/2016 – 2016/0074(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0134),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0117/2016),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2016[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, tas-7-8 ta' Diċembru 2016Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, tas-7-8 ta' Diċembru 2016[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0000/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---
[1] ĠU C 389 21.10.2016, p. 93.
[2] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1098/2007 u (KE) Nru 1224/2009 ***u r-Regolamenti*** (UE) Nru ***1343/2011*** u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u dwar il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1224/2009 u ***r-Regolament*** (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ***u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2002.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-emendi jitneħħew il-modifiki għar-Regolament (UE)Nru 1343/2011. Dawn jipproċedu biex iħassru r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2002. Dan huwa regolament ta' implimentazzjoni bi skop tranżitorju sakemm issir ir-riforma tar-Regolament (KE) Nru 850/98.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) ***Fejn ikun rilevanti, il-miżuri tekniċi għandhom japplikaw għall-industriji*** tas-sajd rikreattivi ***li*** jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-istokkijiet tal-ħut u l-ispeċijiet ta' frott tal-baħar bil-qoxra. | (6) ***L-industriji*** tas-sajd rikreattivi jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-istokkijiet tal-ħut u l-ispeċijiet ta' frott tal-baħar bil-qoxra***, u għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri tekniċi***. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemm l-ebda raġuni biex attività tas-sajd ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri tekniċi.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS ***li jsir sajd f'livelli ta' rendiment sostenibbli massimu, li jitnaqqsu qabdiet mhux mixtieqa u li jiġi eliminat l-iskartar, u jikkontribwixxu biex jinkiseb status ambjentali tajjeb (GES) kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]*** . | (7) Il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS. |
| ***[18] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (ĠU UE L 164, 25.6.2008, p. 19).*** | |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Bħala strument tal-PKS, il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet kollha tal-PKS.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-miżuri tekniċi għandhom ikunu proporzjonati mal-għanijiet segwiti. Qabel ma jiġu adottati, għandu jitqies l-impatt*** |

***ekonomiku u soċjali li jista' jkollhom.***

Or. es

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) B'mod speċifiku, il-miżuri tekniċi għandhom jipproteġu l-aggregazzjonijiet tal-ħut li għadu qed jikber u tal-ħut riproduttiv permezz ta' rkaptu selettiv u ta' miżuri biex jiġi evitat il-qbid ta' ħut li ma jkunx hemm użu għalih. Il-miżuri tekniċi għandhom ***jimminimizzaw, u meta possibbli saħansitra jeliminaw,*** l-impatti tal-irkaptu fuq l-ekosistema tal-baħar u b'mod partikolari fuq speċijiet u ħabitats sensittivi. Għandhom jikkontribwixxu wkoll biex ikun hemm fis-seħħ miżuri ta' ġestjoni għall-finijiet ta' konformità mal-obbligi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[19], id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] u d-Direttiva 2008/56/KE. | (8) B'mod speċifiku, il-miżuri tekniċi għandhom ***jikkontribwixxu biex*** jipproteġu l-aggregazzjonijiet tal-ħut li għadu qed jikber u tal-ħut riproduttiv permezz ta' rkaptu selettiv u ta' miżuri biex jiġi evitat il-qbid ta' ħut li ma jkunx hemm użu għalih. Il-miżuri tekniċi għandhom ***jikkontribwixxu wkoll biex jimminimizzaw*** l-impatti ***negattivi*** tal-irkaptu fuq l-ekosistema tal-baħar u b'mod partikolari fuq speċijiet u ħabitats sensittivi. Għandhom jikkontribwixxu wkoll biex ikun hemm fis-seħħ miżuri ta' ġestjoni għall-finijiet ta' konformità mal-obbligi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[19], id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] u d-Direttiva 2008/56/KE. |
| [19] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ambjent naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7). | [19] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ambjent naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7). |
| [20] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ĠU L 20, 26.1.2010, p. | [20] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ĠU L 20, 26.1.2010, p. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa impossibbli li jiġu eliminati l-effetti ta' kwalunkwe attività. Għaldaqstant, huwa preferibbli li jintużaw it-termini "impatti negattivi" minflok "effetti".*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex tiġi evalwata l-effettività tal-miżuri tekniċi, għandhom jiġu stabbiliti ***miri*** marbutin ***mal-livelli ta' qabdiet mhux mixtieqa***, mal-livell fuq il-qabdiet ***aċċessorji*** ta' speċi sensittivi u mal-ħsara li ssir lill-ħabitats ta' qiegħ il-baħar milquta ħażin mis-sajd, b'mod li jirriflettu l-għanijiet tal-PKS, il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni (b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 92/43 ***u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] ), u l-aħjar prassi*** internazzjonali.<br>_________________<br>***[21] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.).*** | (9) Sabiex tiġi evalwata l-effettività tal-miżuri tekniċi, għandhom jiġu stabbiliti ***indikaturi*** marbutin ***mar-rendiment massimu sostenibbli***, mal-livell fuq il-qabdiet ***inċidentali*** ta' speċi sensittivi u mal-ħsara li ssir lill-ħabitats ta' qiegħ il-baħar milquta ħażin mis-sajd, b'mod li jirriflettu l-għanijiet tal-PKS, il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni (b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 92/43)***, u l-ftehimiet*** internazzjonali ***konklużi mill-Unjoni***. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk l-għan huwa li tiġi evalwata l-effiċjenza, huwa meħtieġ li jintużaw indikaturi. Il-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli huwa objettiv tal-PKS, filwaqt li t-tnaqqis tal-iskart huwa biss strument. Min-naħa l-oħra, m'hemmx rabta bejn il-miżuri tekniċi u l-kwalità tal-ilma, u kull referenza għad-Direttiva 2000/60 hija mingħajr ebda tifsira. Fir-rigward tal-"aqwa prassi", dan huwa element soġġettiv u għaldaqstant mhumiex validu bħala indikatur.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Biex ikunu jistgħu jipproteġu tabilħaqq speċijiet ***tal-baħar sensittivi*** bħall-mammiferi tal-baħar, l-għasafar tal- | (16) Biex ikunu jistgħu jipproteġu tabilħaqq speċijiet bħall-mammiferi tal-baħar, l-għasafar tal-baħar u r-rettili tal- |

| | |
|---|---|
| baħar u r-rettili tal-baħar imsemmija fid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni biex jimminimizzaw u, fejn possibbli jeliminaw, il-qabdiet tagħhom bl-irkaptu. | baħar imsemmija fid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni biex jimminimizzaw u, fejn possibbli jeliminaw, il-qabdiet ***inċidentali*** tagħhom bl-irkaptu. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-biċċa l-kbira tal-għasafar tal-baħar mhumiex speċijiet vulnerabbli. Madankollu, dan ma jfissirx li m'għandux jitnaqqas il-qbid inċidentali tagħhom.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Fejn ma hemmx miżuri tekniċi fis-seħħ fil-livell reġjonali għandhom japplikaw l-istandards ta' referenza. Dawn l-istandards ta' referenza għandhom jinkisbu minn miżuri tekniċi eżistenti, u dan filwaqt li jitqiesu l-parir tal-STECF u l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati. Għandhom jikkonsistu f'daqsijiet tal-malja ta' referenza għall-irkaptu rmunkat u għax-xbieki statiċi, f'daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni, f'żoni magħluqa jew ristretti, f'miżuri ta' konservazzjoni tan-natura sabiex jimmitigaw il-qabdiet ***aċċessorji*** ta' mammiferi tal-baħar u għasafar tal-baħar f'ċerti żoni, u fi kwalunkwe miżura speċifika reġjonali oħra li teżisti bħalissa li għad hemm bżonnha biex tiżgura li jibqgħu jintlaħqu l-objettivi tal-konservazzjoni sakemm jiġu stabbiliti miżuri bħal dawn permezz tar-reġjonalizzazzjoni. | (24) Fejn ma hemmx miżuri tekniċi fis-seħħ fil-livell reġjonali għandhom japplikaw l-istandards ta' referenza. Dawn l-istandards ta' referenza għandhom jinkisbu minn miżuri tekniċi eżistenti, u dan filwaqt li jitqiesu l-parir tal-STECF u l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati. Għandhom jikkonsistu f'daqsijiet tal-malja ta' referenza għall-irkaptu rmunkat u għax-xbieki statiċi, f'daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni, f'żoni magħluqa jew ristretti, f'miżuri ta' konservazzjoni tan-natura sabiex jimmitigaw il-qabdiet ***inċidentali*** ta' mammiferi tal-baħar u għasafar tal-baħar f'ċerti żoni, u fi kwalunkwe miżura speċifika reġjonali oħra li teżisti bħalissa li għad hemm bżonnha biex tiżgura li jibqgħu jintlaħqu l-objettivi tal-konservazzjoni sakemm jiġu stabbiliti miżuri bħal dawn permezz tar-reġjonalizzazzjoni. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qbid tal-mammiferi tal-baħar jew għasafar tal-baħar huwa inċidentali.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) L-Istati Membri flimkien mal-partijiet ikkonċernati jistgħu jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet konġunti ***għal*** miżuri tekniċi adegwati li jiddevjaw mill-istandards ta' referenza skont il-proċess ta' reġjonalizzazzjoni stipulat fil-PKS. | (25) L-Istati Membri flimkien mal-partijiet ikkonċernati jistgħu jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet konġunti ***sabiex jiġu adottati*** miżuri tekniċi adegwati li jiddevjaw mill-istandards ta' referenza ***sabiex jiġu adattati għall-karatteristiċi speċifiċi tas-sajd,*** skont il-proċess ta' reġjonalizzazzjoni stipulat fil-PKS. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ppreċiżat il-kamp ta' applikazzjoni tar-reġjonalizzazzjoni.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Miżuri tekniċi reġjonali bħal dawn, ***inkwantu tal-mudelli ta' sfruttament u tal-protezzjoni ta' speċijiet u ħabitats sensittivi,*** għandhom tal-inqas ***ikunu ekwivalenti għall-istandards*** ta' referenza. | (26) Miżuri tekniċi reġjonali bħal dawn, għandhom tal-inqas ***jissodisfaw l-objettivi u jżommu l-istess livelli fl-indikaturi tal-effiċjenza bħall-istandards*** ta' referenza. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jintużaw l-objettivi u l-indikaturi tal-effikaċja ladarba dawn jiġu ddefiniti.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) L-istrument ewlieni biex jiġu stabbiliti l-miżuri tekniċi reġjonali għandu jkun permezz ta' pjanijiet multiannwali kif definit fil-PKS. Taħt pjanijiet multiannwali bħal dawn, l-istandards ta' referenza jkunu jistgħu jiġu ***emendati***, ikunu jistgħu jiġu stabbiliti miżuri ġodda biex jissupplimentaw jew jieħdu post l-istandards ta' referenza jew jidderogaw minn dawn il-miżuri jekk jintwera li ma jkollhom ebda benefiċċju ta' konservazzjoni jew li jkunu ddaħħlu fis-seħħ miżuri alternattivi li ***jiżguraw li l-objettivi u l-miri jibqgħu jintlaħqu***. Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet multiannwali jistgħu jinkludu wkoll miżuri oħra dwar il-konservazzjoni tan-natura biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tas-sajd fuq l-ekosistema***, bħal dawk neċessarji biex ikunu jistgħu jiġu rispettati l-obbligi mniżżla fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KE u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE.*** | (27) L-istrument ewlieni biex jiġu stabbiliti l-miżuri tekniċi reġjonali għandu jkun permezz ta' pjanijiet multiannwali kif definit fil-PKS. Taħt pjanijiet multiannwali bħal dawn, l-istandards ta' referenza jkunu jistgħu jiġu ***adattati għall-karatteristiċi speċifiċi tas-sajd***, ikunu jistgħu jiġu stabbiliti miżuri ġodda biex jissupplimentaw jew jieħdu post l-istandards ta' referenza jew jidderogaw minn dawn il-miżuri jekk jintwera li ma jkollhom ebda benefiċċju ta' konservazzjoni jew li jkunu ddaħħlu fis-seħħ miżuri alternattivi li ***jikkontribwixxu għat-twettiq tal-objettivi previsti f'dan ir-Regolament u li jinżammu, ta' mill-anqas fl-istess livell, l-indikaturi tal-effiċjenza***. Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet multiannwali jistgħu jinkludu wkoll miżuri oħra dwar il-konservazzjoni tan-natura biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tas-sajd fuq l-ekosistema. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Id-direttivi għandhom ikunu indirizzati lill-Istati Membri, li għandhom iwettqu dak li huwa stabbilit fihom. Ir-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mhumiex soġġetti għal direttivi.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (33) Sabiex ikunu minimizzati l-qabdiet ***aċċessorji*** ta' speċijiet sensittivi u l-impatti tal-irkaptu fuq il-ħabitats sensittivi, il-gruppi reġjonali tal-Istati Membri għandhom jiżviluppaw miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali sabiex inaqqsu l-impatti tas-sajd fuq l-ispeċi u l-ħabitats sensittivi. Fejn l-evidenza xjentifika turi li hemm theddida serja għall-istatus ta' konservazzjoni ta' speċijiet u ħabitats bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jintroduċu restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-bini u l-funzjonament ta' ċertu rkaptu jew anke jipprojbuh kompletament f'dak ir-reġjun. B'mod partikolari dispożizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu applikati għall-użu tal-għażel tat-tisqif li f'ċerti żoni wassal għal qabdiet sinifikanti ta' ċetaċji u għasafar tal-baħar. | (33) Sabiex ikunu minimizzati l-qabdiet ***inċidentali*** ta' speċijiet sensittivi u l-impatti tal-irkaptu fuq il-ħabitats sensittivi, il-gruppi reġjonali tal-Istati Membri għandhom jiżviluppaw miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali sabiex inaqqsu l-impatti tas-sajd fuq l-ispeċi u l-ħabitats sensittivi. Fejn l-evidenza xjentifika turi li hemm theddida serja għall-istatus ta' konservazzjoni ta' speċijiet u ħabitats bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jintroduċu restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-bini u l-funzjonament ta' ċertu rkaptu jew anke jipprojbuh kompletament f'dak ir-reġjun. B'mod partikolari dispożizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu applikati għall-użu tal-għażel tat-tisqif li f'ċerti żoni wassal għal qabdiet sinifikanti ta' ċetaċji u għasafar tal-baħar. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qabdiet li għalihom jagħmel referenza t-test huma inċidentali.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(35) Bil-ħsieb li jinżammu r-rakkomandazzjonijiet dettaljati eżistenti miftiehma mill-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku (NEAFC), il-Kummissjoni għandha tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea inkwantu tal-listi ta' ekosistemi tal-baħar vulnerabbli u anke tal-miżuri tekniċi speċifiċi marbuta ma' miżuri definiti biex jipproteġu l-linard u r-redfish. Il-Kummissjoni għandha wkoll*** | ***imħassar*** |

***tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex fil-liġijiet tal-Unjoni tkun tista' tinkorpora l-emendi li jista' jkun hemm fil-ġejjieni b'rabta mal-miżuri adottati mill-NEAFC u li jkunu jikkonsistu f'ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, definiti hekk b'mod speċifiku, u li jsiru vinkolanti għall-Unjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali kollha għandhom jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni Ewropea permezz tal-istess proċedura.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Sa tmiem l-2020 u ma' kull tielet sena minn dik is-sena 'l hemm, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u dan abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u wara evalwazzjoni mill-STECF. Dan ir-rapport għandu jivvaluta kemm il-miżuri tekniċi fil-livell reġjonali u f'dak tal-Unjoni jkunu kkontribwew biex jintlaħqu l-objettivi u ***l-miri*** ta' dan ir-Regolament. Abbażi ta' dak ir-rapport, meta fil-livell reġjonali jkun hemm evidenza li l-objettivi ***u l-miri ma jkunux intlaħqu***, l-Istati Membri f'dak ir-reġjun għandhom jibagħtu pjan li jistipula l-azzjonijiet korrettivi li jridu jittieħdu sabiex ikun żgurat li dawk l-objettivi ***u l-*** | (40) Sa tmiem l-2020 u ma' kull tielet sena minn dik is-sena 'l hemm, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u dan abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u wara evalwazzjoni mill-STECF. Dan ir-rapport għandu jivvaluta kemm il-miżuri tekniċi fil-livell reġjonali u f'dak tal-Unjoni jkunu kkontribwew biex jintlaħqu l-objettivi u ***l-livell tal-indikaturi tal-effikaċja*** ta' dan ir-Regolament. Abbażi ta' dak ir-rapport, meta fil-livell reġjonali jkun hemm evidenza li l-objettivi ***jew li l-indikaturi tal-effikaċja jinżammu f'livell mhux sodisfaċenti***, l-Istati Membri f'dak ir-reġjun għandhom jibagħtu pjan li jistipula l- |

| | |
|---|---|
| ***miri jistgħu jintlaħqu***. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tipproponi wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-emendi li tqis li huma neċessarji f'dan ir-Regolament. | azzjonijiet korrettivi li jridu jittieħdu sabiex ikun żgurat li dawk l-objettivi ***jintlaħqu*** u ***li jittejjeb il-livell tal-indikaturi tal-effikaċja***. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tipproponi wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-emendi li tqis li huma neċessarji f'dan ir-Regolament. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "miri" huwa statiku, filwaqt li l-objettiv huwa li l-effikaċja tal-miżuri tekniċi tiġi evalwata b'mod kontinwu. Għal dan il-għan jidher li huwa aktar xieraq li jintuża t-terminu "indikaturi tal-effikaċja". Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali kollha għandhom jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni Ewropea permezz tal-istess proċedura.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) 1967/1380/2006[29], (KE) Nru 1098/2007[30], (KE) 1224/2009[31] ***u r-Regolamenti (UE) Nru 1343/2011***[32] ***u*** (UE) Nru 1380/2013[33] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jiġu emendati skont dan. | (42) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) 1967/1380/2006[29], (KE) Nru 1098/2007[30], (KE) 1224/2009[31] u ***r-Regolament (UE)*** Nru 1380/2013[33] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jiġu emendati skont dan. |
| [29] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409 30.12.2006 p.11). | [29] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409 30.12.2006 p.11). |
| [30] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru | [30] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru |

779/97 (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1

31 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

***32 Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).***

33 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

779/97 (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1.

31 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

33 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx raġuni biex jingħata trattament differenti lil xi RFMOs.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(43) Biex jiġu ssupplimenta jew emendati r-regoli dettaljati eżistenti li jittrasponu r-rakkomandazzjonijiet miftiehma mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM), il-Kummissjoni għandha tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-miżuri tekniċi fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011. Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex fil-liġijiet tal-Unjoni tkun tista' tinkorpora l-emendi li jista' jkun hemm fil-ġejjieni b'rabta mal-miżuri adottati mill-GFCM u li jkunu jikkonsistu f'ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, definiti hekk espressament, u li jsiru vinkolanti għall-Unjoni skont il-Ftehim tal-GFCM. Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 għandu jiġi emendat skont dan. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.*** | ***imħassar*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx raġuni biex jingħata trattament differenti lil xi RFMOs.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) ***l-funzjonament*** tal-irkaptu ***u l-interazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd mal-*** | b) ***il-funzjonament*** tal-irkaptu; |

***ekosistemi tal-baħar***.

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-punt b għandu jinqasam f'żewġ partijiet.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***b bis) l-interazzjoni ta' dak l-irkaptu mal-ekosistemi tal-baħar.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-punt b għandu jinqasam f'żewġ partijiet.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-Artikoli 7 u 14 u Parti A tal-Annessi V sa X għandhom japplikaw ukoll*** għall-industriji tas-sajd rikreattiv. | 2. ***Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll*** għall-industriji tas-sajd rikreattiv. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Kull irkaptu tas-sajd għandu japplika għal kull xorta ta' sajd u s-sajd rikreattiv għandu jkun kopert minn dan ir-Regolament. L-irkapti użati fl-attivitajiet tas-sajd huma regolati minn dan ir-Regolament skont l-impatt tagħhom fuq l-ambjent u mhux skont jekk ikunux bi skop ta' qligħ jew le. Barra minn hekk, is-sajd rikreattiv m'għandux ikun eżenti mill-għeluq tas-sajd ġeografiku jew temporanju.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Bħala għodod li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PKS stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ***u b'mod partikolari fil-paragrafi 2, 3 u 5(a) u (j) ta' dak l-Artikolu***. | 1. Bħala għodod li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PKS stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament dwar il-miżuri tekniċi, bħal kull regolament tal-PKS, għandu jikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettivi kollha tiegħu, hekk kif ġew iddefiniti fir-Regolament bażiku.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) jottimizzaw il-mudelli ta' sfruttament sabiex jipproteġu ***l-aggregazzjonijiet ta' speċijiet li għadhom qed jikbru jew li huma*** riproduttivi; | a) ***jikkontribwixxu biex*** jottimizzaw il-mudelli ta' sfruttament sabiex jipproteġu ***r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar żgħar jew*** riproduttivi; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "peces" (ħut) ma jinkludix ċerti speċijiet tal-baħar bħal krustaċji u ċ-ċefalopodi, li huma wkoll protetti. Il-miżuri tekniċi mhumiex l-uniku strument tal-PKS biex itejjeb il-mudelli ta' sfruttament u ma tistax tintefa' r-responsabbiltà kollha fuqhom.*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) ***jiżguraw li l-qabdiet aċċessorji*** ta' speċijiet ***tal-baħar elenkati fid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE u ta' speċijiet*** sensittivi oħrajn li jirriżultaw mis-sajd ***jiġu minimizzati*** u, fejn possibbli, jiġu eliminati b'mod li ma jirrappreżentawx theddida għall-istatus ta' konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet; | b) ***jikkontribwixxu sabiex il-qabdiet aċċidentali*** ta' speċijiet sensittivi li jirriżultaw mis-sajd ***jitnaqqsu kemm jista' jkun*** u, fejn possibbli, jiġu eliminati b'mod li ma jirrappreżentawx theddida għall-istatus ta' konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*F'regolamenti u direttivi oħrajn jintuża t-terminu "aċċidentali" b'rabta mal-qbid ta' speċi suxxettibbli li ma tkunx fil-mira tas-sajd. Min-naħa l-oħra, il-miżuri tekniċi m'għandhomx l-iskop li jipprovdu garanziji legali, iżda li jintużaw sabiex jillimitaw l-impatt negattiv tas-sajd fuq l-ekosistemi.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) ***jiżguraw li l-impatti ambjentali*** tas-sajd fuq il-ħabitats tal-baħar jiġu minimizzati u, fejn possibbli, ***jiġu eliminati*** b'mod li ma ***jirrappreżentawx*** theddida għall-istatus ta' konservazzjoni ta' dawn il-ħabitats; | c) ***jikkontribwixxu sabiex l-impatt negattiv*** tas-sajd fuq il-ħabitats tal-baħar ***jitnaqqas għall-minimu*** u, fejn possibbli, ***jiġi eliminat*** b'mod li ma ***jirrappreżentax*** theddida għall-istatus ta' konservazzjoni ta' dawn il-ħabitats; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri tekniċi m'għandhomx l-iskop li jipprovdu garanziji legali, iżda li jintużaw sabiex jillimitaw l-impatt negattiv tas-sajd fuq l-ekosistemi. Kwalunkwe interazzjoni mal-ambjent għandha impatt. Huwa possibbli li nnaqsuh, iżda mhux li neliminawh.*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| d) jikkontribwixxu biex jiġu stabbiliti miżuri b'rabta mal-ġestjoni tas-sajd biex ikun hemm konformità mal-obbligi tad-Direttivi 92/43/KEE, 2009/147/KE, 2008/56/KE ***u 2000/60/KE.*** | d) jikkontribwixxu biex jiġu stabbiliti miżuri b'rabta mal-ġestjoni tas-sajd biex ikun hemm konformità mal-obbligi tad-Direttivi 92/43/KEE, 2009/147/KE, ***u b'mod partikolari, se jikkontribwixxu sabiex l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fil-ħabitats marittimi jippermettu li jinkiseb stat ambjentali tajjeb għal kull tip ta' ħabitat evalwat fil-qafas tad-Direttiva*** 2008/56/KE ***f'kull reġjun jew sottoreġjun marittimu***. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri tekniċi m'għandhom ebda rabta mal-kwalità tal-ilma. M'għandhom ebda rabta mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u referenza għal din id-Direttiva toħloq biss konfużjoni. Minħabba d-diffikultajiet biex jiġu stabbiliti objettivi kwantitattivi marbuta mal-istat tajjeb tal-ambjent bħala parti mid-Direttiva Qafas dwar l-istrateġija tal-baħar huwa neċessarju li dawn l-aspetti jiġu inklużi fost l-objettivi tal-Artikolu 3 minflok fost il-miri tal-Artikolu 4.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – titolu**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Miri*** | ***Indikaturi tal-effikaċja*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "indikaturi tal-effikaċja" huwa aktar adattat għall-funzjoni ta' evalwazzjoni. It-terminu "miri" huwa statiku, filwaqt li l-objettiv huwa li l-effikaċja tal-miżuri tekniċi tiġi evalwata b'mod kontinwu. Għal dan il-għan, jidher li huwa aktar xieraq li tintuża l-espressjoni "indikaturi tal-effikaċja".*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) ***jiżguraw li l-qabdiet*** ta' ***speċi*** tal-baħar iżgħar mill-qisien minimi ta' referenza għall-konservazzjoni ***ma jaqbżux il-5% tal-volum skont l-Artikolu*** 2(2) ***u l-Artikolu 15*** tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. | a) ***Tnaqqis tal-qabdiet*** ta' ***speċijiet*** tal-baħar iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ***sabiex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu*** 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-livell ta' 5 % ta' qabdiet iżgħar mill-qisien minimi ta' referenza huwa biss eċċezzjoni għall-obbligu ta' ħatt l-art u ma jistax jiġi elevat għall-kategorija ta' "mira" tal-miżuri tekniċi. Barra minn hekk, hija nieqsa minn ġustifikazzjoni xjentifika. Huwa preferibbli li jiġi stabbilit bħala indikatur ir-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY), li huwa rikonoxxut bħala objettiv tal-PKS. Il-PKS jippermetti li tiġi evalwata l-effikaċja tal-miżuri tekniċi skont in-numru ta' stokks sfruttati fl-MSY.*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) ***jiżguraw li l-qabdiet aċċessorji*** ta' mammiferi tal-baħar, rettili tal-baħar, għasafar tal-baħar u speċi oħrajn mhux sfruttati kummerċjalment ***ma jaqbżux il-livelli*** stipulati ***fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*** u fi ftehimiet internazzjonali. | b) ***jillimitaw il-qabdiet aċċidentali*** ta' mammiferi tal-baħar, rettili tal-baħar, għasafar tal-baħar u speċi oħrajn mhux sfruttati kummerċjalment ***sal-livelli*** stipulati ***fir-regolamenti fis-seħħ fl-Unjoni*** u fi ftehimiet internazzjonali ***ratifikati mill-Unjoni***. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi evitat li jkunu jistgħu jiġu applikati parametri derivati mil-leġiżlazzjoni sekondarja jew minn ftehimiet internazzjonali konklużi bejn pajjiżi terzi.*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) ***jiżguraw li l-impatti ambjentali*** tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-ħabitats ta' qiegħ il-baħar ***ma jaqbżux il-livelli meħtieġa għal status ambjentali tajjeb fil-każ ta' kull tip ta' ħabitat ivvalutat fil-qafas tad-Direttiva 2008/56/KE, f'kull reġjun jew sottoreġjun tal-baħar, b'rabta kemm mal-kwalità tal-ħabitat u kemm mad-daqs tal-ispazju li l-livelli meħtieġa jridu jinkisbu fih.*** | c) ***tnaqqis tal-impatti negattivi*** tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-ħabitats ta' qiegħ il-baħar ***skont l-Artikolu 2(5)(j) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba d-diffikultajiet biex jiġu stabbiliti objettivi kwantitattivi fir-rigward tal-istat ambjentali tajjeb marbuta mad-Direttiva 2008/56/KE u d-diffikultà biex l-indikaturi tal-effikaċja jiġu marbuta ma' Deċiżjoni tal-Kummissjoni, dawn l-aspetti għandhom jiġu inklużi fl-Artikolu 3 minflok fl-Artikolu 4 u l-indikaturi tal-effikaċja għandhom jiġu marbuta mal-objettivi espressi fir-Regolament bażiku tal-PKS.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) "Il-Baħar tat-Tramuntana" tfisser ***id-diviżjonijiet*** IIa, IIIa u IV tal-ICES[34]; | a) "Il-Baħar tat-Tramuntana" tfisser ***ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjonijiet*** IIa, IIIa u IV tal-ICES[34]; |
| [34] Id-diviżjonijiet ICES (Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, | [34] Id-diviżjonijiet ICES (Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, |

| | |
|---|---|
| 31.3.2009, p. 70). | 31.3.2009, p. 70). |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*B'hekk tiġi evitata l-possibbiltà li l-ilmijiet kollha tan-Norveġja jiġu rregolati darbtejn.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| g) ***"Ir-Reġjuni Ultraperiferiċi" tfisser l-ilmijiet madwar ir-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 tat-Trattat imqassma fi tliet baċiri: Il-Punent tal-Atlantiku, il-Lvant tal-Atlantiku u l-Oċean Indjan;*** | g) "***Ilmijiet tal-Unjoni Ewropea fl-Oċean Indjan u fil-Punent tal-Atlantiku" tfisser l-ilmijiet madwar il-Guadalupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Mayotte, Réunion, Saint Martín taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' Stat Membru***. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Hija evitata l-ambigwità għall-gżejjer Azores, Kanarji u Madeira, li skont il-proposta jistgħu jitqiesu li huma inklużi kemm bħala "ilmijiet tal-Lbiċ" kif ukoll bħala "reġjuni ultra-periferiċi".*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1) "mudell ta' sfruttament" tfisser kif ***il-pressjoni*** tas-sajd hija distribwita fil-profil tal-età ta' stokk partikolari; | 1) "mudell ta' sfruttament" tfisser kif ***il-mortalità*** tas-sajd hija distribwita fil-profil tal-età ***u tad-daqs*** ta' stokk partikolari; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mortalità tas-sajd (F) huwa t-terminu użat biex tiġi espressa l-esplojtazzjoni tas-sajd.*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2) "selettività"***; tfisser espressjoni kwantitattiva rappreżentata bħala*** probabbiltà ***tal-qbid ta' ċertu daqs ta' ħut b'ċertu daqs tal-malja (jew sunnara);*** | 2) "selettività" ***il-probabbiltà li metodu ta' sajd jagħżel speċi partikolari u daqsijiet immirati fost il-qabdiet potenzjali***; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Simplifikazzjoni tal-formulazzjoni tal-kliem.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3) "sajd selettiv" tirreferi għal meta metodu tas-sajd, tul l-attività tas-sajd, jimmira u jaqbad ħut jew frott tal-baħar bil-qoxra skont id-daqs u t-tip ta' speċi, u fl-istess ħin ma jaqbadx l-ispeċi li mhumiex fil-mira jew inkella jerġà jeħlishom bla ma jiġrilhom xejn;*** | ***imħassar*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex neċessarju li jiġi ddefinit kunċett li ma jintużax fil-formolazzjoni tal-proposta għal Regolament. Barra minn hekk, id-definizzjoni hija inkluża fir-Regolament bażiku tal-PKS.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4) "sajd dirett" tfisser sajd għal speċi definita jew taħlita ta' speċijiet ***fejn il-qabda*** totali ta' ***dik l-ispeċi tkun*** aktar ***minn 50% tal-valur ekonomiku tal-qabda;*** | 4) "sajd dirett" tfisser sajd għal speċi definita jew taħlita ta' speċijiet ***li l-kompożizzjoni tagħha, espressa bħala perċentwal fuq il-piż ħaj tal-qbid*** totali***, tkun tvarja bejn ir-reġjuni u kif speċifikat fid-dettall fl-Annessi V sa XI fi vjaġġ tas-sajd partikolari u għal irkaptu tas-sajd partikolari; din tista' tiġi kkalkulata permezz*** ta' ***kampjun wieħed jew*** aktar; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kompożizzjoni tal-qbid tvarja skont il-postijiet għas-sajd u r-reġjun. Il-valur ekonomiku tal-qbid jintroduċi varjabbli inerenti għas-swieq u dawn m'għandhomx wisq rabta mat-tip ta' sajd.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6) "ħabitat sensittiv" tfisser ħabitat li l-istatus ta' konservazzjoni tiegħu, inkluż il-firxa tiegħu u l-kundizzjoni (struttura u funzjoni) tal-komponenti bijotiċi u abijotiċi tiegħu, huwa affettwat b'mod negattiv minn pressjonijiet ġejjin minn attivitajiet tal-bniedem, inkluż l-attivitajiet tas-sajd. Il-ħabitats sensittivi jinkludu, b'mod partikolari, tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness I ***u ħabitats ta' speċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE, ħabitats ta' speċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE, ħabitats li l-protezzjoni tagħhom hija meħtieġa sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE u ekosistemi tal-baħar vulnerabbli kif definiti skont l-Artikolu 2(b) tar-Regolament tal-Kunsill 734/2008***[39] ; | 6) "ħabitat sensittiv" tfisser ħabitat li l-istatus ta' konservazzjoni tiegħu, inkluż il-firxa tiegħu u l-kundizzjoni (struttura u funzjoni) tal-komponenti bijotiċi u abijotiċi tiegħu, huwa affettwat b'mod negattiv minn pressjonijiet ġejjin minn attivitajiet tal-bniedem, inkluż l-attivitajiet tas-sajd. Il-ħabitats sensittivi jinkludu, b'mod partikolari, tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness I; |

[39] ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 734/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli f'ibħra internazzjonali mill-impatti ħżiena tal-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ (ĠU L 201, 15.7.2008, p. 8).***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jiġu ssimplifikati d-definizzjonijiet u jiġu eliminati r-referenzi għal atti leġiżlattivi oħrajn, li jintroduċu elementi ta' konfużjoni.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7) "speċi sensittiva" tfisser speċi li l-istatus ta' konservazzjoni tagħha, inkluż il-ħabitat, id-distribuzzjoni, id-daqs tal-popolazzjoni u l-kundizzjoni tal-popolazzjoni tagħha, ***huwa affettwat*** b'mod negattiv minn pressjonijiet ġejjin minn attivitajiet tal-bniedem, inkluż l-attivitajiet tas-sajd. ***Speċijiet sensittivi jinkludu speċijiet msemmija fl-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/43/KEE, speċijiet koperti mid-Direttiva 2009/147/KE u speċijiet li l-protezzjoni tagħhom hija meħtieġa sabiex jiksbu status ambjentali tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE;*** | 7) "speċi sensittiva" "speċi sensittiva" tfisser speċi li l-istatus ta' konservazzjoni tagħha, inkluż il-ħabitat, id-distribuzzjoni, id-daqs tal-popolazzjoni u l-kundizzjoni tal-popolazzjoni tagħha, ***ikun ipperikolat*** b'mod negattiv minn pressjonijiet ġejjin minn attivitajiet tal-bniedem, inkluż l-attivitajiet tas-sajd. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Is-suġġetti tad-Direttivi huma l-Istati Membri u mhux ir-Regolamenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. It-terminu "affettwat b'mod negattiv" ma jistabbilixxi ebda kwantifikazzjoni tal-impatt tal-attivitajiet umani.*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10) "Kunsilli konsultattivi" tfisser gruppi ta' partijiet ikkonċernati stabbiliti ***fil-qafas tal-PKS sabiex jippromwovu r-rappreżentazzjoni bilanċjata tal-partijiet ikkonċernati kollha u sabiex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS;*** | 10) "Kunsilli konsultattivi" tfisser gruppi ta' partijiet ikkonċernati stabbiliti ***skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jiġi ppreċiżat liema dispożizzjonijiet tal-PKS jirregolaw il-Kunsilli Konsultattivi iżda m'hemmx bżonn li jittenna dak li jipprovdi r-Regolament bażiku.*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11) "xibka tat-tkarkir" tfisser ***irkaptu rmunkat*** b'mod attiv minn bastiment tas-sajd wieħed jew aktar ***u jikkonsisti f'korp għamla ta' kon jew piramida (bħal korp tat-tkarkir) magħluq*** fil-parti ta' wara minn manka***; "irkaptu rmunkat" tirreferi għax-xbieki tat-tkarkir, it-tartaruni Daniżi u rkapti simili b'korp għamla ta' kon jew piramida magħluq*** fil-parti ta' wara minn borża (manka) ***jew li fih par ġwienaħ twal, korp u borża (manka) u li jitmexxew b'mod attiv fl-ilma;*** | 11) "xibka tat-tkarkir" tfisser ***xibka rmunkata*** b'mod attiv minn bastiment tas-sajd wieħed jew aktar***, magħluqa*** fil-parti ta' wara minn borża (manka); |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test tal-proposta jinqasam fi tnejn, sabiex ix-xbieki tat-tkarkir jinfirdu mill-kumplament ta' rkapti rmunkati. Barra minn hekk, għandha tiġi ssimplifikata d-definizzjoni*

*proposta għax-xbieki tat-tkarkir.*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a) "irkaptu rmunkat" tfisser kwalunkwe gangmi, xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u xbieki simili li jinġibdu b'mod attiv fl-ilma minn bastiment wieħed jew aktar jew minn kwalunkwe sistema mekkanika oħra;*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test tal-proposta jinqasam fi tnejn, sabiex ix-xbieki tat-tkarkir jinfirdu mill-kumplament ta' rkapti rmunkati. Barra minn hekk, għandhom jiġu inklużi l-gangmi rmunkati waqt li jiġu esklużi l-gangmi tal-idejn.*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12) "xibka tat-tkarkir tal-qiegħ" tfisser irkaptu tat-tkarkir magħmul u armat sabiex jitħaddem ***f'qiegħ il-baħar jew kważi***; | 12) "xibka tat-tkarkir tal-qiegħ" tfisser irkaptu tat-tkarkir magħmul u armat sabiex jitħaddem ***f'kuntatt ma' qiegħ il-baħar***; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa aħjar li ssir referenza għall-mezz kif jopera rkaptu milli għan-natura tal-ispeċijiet immirati. It-terminu "jew kważi" mhuwiex preċiż. Jenħtieġ li tiġi evitata konfużjoni ma' rkapti li ma jinsabux f'kuntatt mal-qiegħ.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13) "xibka tat-tkarkir bil-par tal-qiegħ" "xibka tat-tkarkir bil-par tal-qiegħ" tfisser xibka tat-tkarkir tal-qiegħ irmunkata minn żewġ bastimenti fl-istess ħin, kull waħda tirmunka naħa tax-xibka tat-tkarkir. Il-fetħa orizzontali tax-xibka tat-tkarkir tinżamm bid-distanza bejn iż-żewġ bastimenti waqt li jirmunkaw l-irkaptu; | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa aħjar li ssir referenza għall-mezz kif jopera rkaptu milli għan-natura tal-ispeċijiet immirati.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15) "xibka tat-tkarkir bi travu" tfisser irkaptu b'xibka tat-tkarkir miftuħa orizzontalment ***b'tubu tal-azzar jew tal-injam, bi*** travu***, u bi xbieki b'katini tal-art, twapet tal-ktajjen jew ktajjen għall-gambli rmunkati b'mod attiv fil-qiegħ;*** | 15) "xibka tat-tkarkir bi travu" tfisser irkaptu b'xibka tat-tkarkir miftuħa orizzontalment ***permezz ta'*** travu***, ġwienaħ jew strumenti simili oħrajn;*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jsir adattament għall-iżvilupp teknoloġiku ta' dan it-tip ta' rkaptu. M'hemmx bżonn li d-definizzjoni tiġi kkumplikata b'deskrizzjonijiet iddettaljati.*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16) "tkarkir bl-impuls elettriku" ***tfisser*** | 16) "tkarkir bl-impuls elettriku" |

| | |
|---|---|
| ***teknika tas-sajd*** li tuża ***kamp*** elettriku ***biex*** taqbad ***il-ħut; L-irkaptu tat-tkarkir bl-impuls elettriku jikkonsisti f'numru ta' elettrodi, marbuta mal-irkaptu fid-direzzjoni tal-irmunkar, li jitfgħu impulsi elettriċi qosra;*** | ***tikkonsisti f'xibka għat-tkarkir*** li tuża ***impuls*** elettriku ***biex taqbad speċi tal-baħar***; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx bżonn li d-definizzjoni tiġi kkumplikata b'deskrizzjonijiet iddettaljati.*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19) "gangmu" tfisser irkaptu li huwa jew irmunkat b'mod attiv mill-magna prinċipali tad-dgħajsa (gangmu rmunkat minn dgħajsa) jew miġbud b'winċ motorizzat minn bastiment ankrat (gangmu mekkanizzat) għall-qbid ta' bivalvi, gasteropodi jew sponoż ***u li jikkonsistu f'xibka borża jew f'basket tal-metall immuntati fuq qafas riġidu jew virga ta' daqs u forma varjabbli li l-parti ta' taħt tagħhom tista' ġġorr xafra barraxa li tista' tkun jew fit-tond, ippuntata jew bis-snien, u tista' wkoll tkun mgħammra bi skarpi u twavel tal-għadds. Xi*** gangmi ***huma mgħammra b'tagħmir idrawliku (gangmi idrawliċi). Gangmi*** miġbudin bl-idejn jew b'winċ manwali f'ilmijiet baxxi bi jew mingħajr dgħajsa għall-qbid ***ta' bivalvi, gasteropodi jew sponoż*** (gangmi tal-idejn) ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala rkaptu rmunkat għall-finijiet ta' dan ir-Regolament; | 19) "gangmu" tfisser irkaptu li huwa jew irmunkat b'mod attiv mill-magna prinċipali tad-dgħajsa (gangmu rmunkat minn dgħajsa) jew miġbud b'winċ motorizzat minn bastiment ankrat (gangmu mekkanizzat) għall-qbid ta' bivalvi, gasteropodi jew sponoż; Gangmi miġbudin bl-idejn jew b'winċ manwali f'ilmijiet baxxi bi jew mingħajr dgħajsa għall-qbid (gangmi tal-idejn) ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala rkaptu rmunkat għall-finijiet ta' dan ir-Regolament; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx bżonn li d-definizzjoni tiġi kkumplikata b'deskrizzjonijiet iddettaljati.*

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20) "xbieki statiċi" tfisser kwalunkwe tip ta' għażel, xibka tat-tħabbil jew parit, ankrat ma' qiegħ il-baħar (għeżul jew pariti) ***jew imħolli jinġarr mal-kurrent (għeżul tat-tisqif***) sabiex il-ħut jgħum fih u jitħabbel jew jeħel fix-xbieki; | 20) "xbieki statiċi" tfisser kwalunkwe tip ta' għażel, xibka tat-tħabbil jew parit, ankrat ma' qiegħ il-baħar ***f'ta' mill-anqas żewġ punti*** (għeżul jew pariti) sabiex il-ħut jgħum fih u jitħabbel jew jeħel fix-xbieki; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-formulazzjoni tal-proposta tinkludi "l-għeżul tat-tisqif" li għandhom id-definizzjoni tagħhom stess (punt 21). Il-ħtieġa li jkunu ankrati f'ta' mill-anqas żewġ punti tevita l-konfużjoni mal-għeżul tat-tisqif u li jkun hemm distorsjoni tal-interpretazzjoni tad-definizzjoni għall-użu ta' metodi ta' sajd ipprojbiti.*

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21) "għażel tat-tisqif" tfisser xibka ***magħmula minn żewġ ħitan jew aktar ta' xibka mdendlin flimkien b'mod parallel fuq il-kalament(i) tas-sufri,*** miżmuma f'wiċċ l-ilma jew f'ċerta distanza taħt wiċċ l-ilma permezz apparat li jżommha f'wiċċ l-ilma, li tinġarr mal-kurrent jew b'mod liberu jew minn dgħajsa li tkun imqabbda magħha. Din tista' tkun mgħammra b'apparat maħsub sabiex jistabbilizza x-xibka jew biex jillimita kemm tinġarr mill-kurrent***, bħal pereżempju ankra tal-baħar jew ankraġġ fil-qiegħ imqabbad ma' tarf wieħed tax-xibka;*** | 21) "għażel tat-tisqif" tfisser xibka miżmuma f'wiċċ l-ilma jew f'ċerta distanza taħt wiċċ l-ilma permezz apparat li jżommha f'wiċċ l-ilma, li tinġarr mal-kurrent jew b'mod liberu jew minn dgħajsa li tkun imqabbda magħha. Din tista' tkun mgħammra b'apparat maħsub sabiex jistabbilizza x-xibka jew biex jillimita kemm tinġarr mill-kurrent**.** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jiġu llimitati l-possibbiltajiet ta' konfużjoni bejn xbieki statiċi u għeżula tat-tisqif.*

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22) "għażel ***tal-qiegħ***" tfisser xibka magħmula minn biċċa xibka waħda u miżmuma wieqfa fl-ilma permezz ta' sufruni u piżijiet***. Din taqbad riżorsi akkwatiċi ħajjin li jinqabdu fil-malji tagħha*** u hija fissa ***jew tista' tkun fissa*** ma' qiegħ il-baħar bi kwalunkwe mezz; | 22) "għażel" tfisser xibka ***statika*** magħmula minn biċċa xibka waħda u miżmuma wieqfa fl-ilma permezz ta' sufruni u piżijiet u hija fissa ma' qiegħ il-baħar bi kwalunkwe mezz; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha titneħħa l-possibbiltà li għażel tat-tisqif ikun jista' jitqies bħala xibka statika.*

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23) "għażel tat-tħabbil ***tal-qiegħ***" tfisser ħajt ***wieħed*** ta' xibka armat b'mod li x-xibka tiddendel fuq il-ħbula sabiex toħloq ammont akbar ta' tixbik maħlul mill-għażel***. Ix-xbieki tat-tħabbil normalment ikollhom anqas affarijiet li jżommu fil-wiċċ fuq il-kalament tas-sufri u ma jkunux fl-għoli daqs l-għażel tal-qiegħ medju matul is-sajd, u jkunu mqabbdin, jew ikunu jistgħu jitqabbdu*** b'xi mezz ma' qiegħ il-baħar; | 23) "għażel tat-tħabbil" tfisser ***xibka statika komposta minn*** ħajt ta' xibka armat b'mod li x-xibka tiddendel fuq il-ħbula sabiex toħloq ammont akbar ta' tixbik maħlul mill-għażel ***u li tkun imqabbda*** b'xi mezz ma' qiegħ il-baħar; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx bżonn li d-definizzjoni tiġi kkumplikata b'deskrizzjonijiet iddettaljati. Għandha titneħħa l-possibbiltà li għażel tat-tisqif ikun jista' jitqies bħala xibka statika.*

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24) "parit ***tal-qiegħ***" tfisser xibka magħmula minn żewġ saffi jew aktar ta' xbieki b'żewġ saffi fuq barra ta' daqs tal-malja kbir b'saff b'malja żgħira bejniethom u mqabbda, jew tista' titqabbad b'xi mezz ma' qiegħ il-baħar; | 24) "parit" tfisser xibka ***statika*** magħmula minn żewġ saffi jew aktar ta' xbieki b'żewġ saffi fuq barra ta' daqs tal-malja kbir b'saff b'malja żgħira bejniethom u mqabbda, jew tista' titqabbad b'xi mezz ma' qiegħ il-baħar; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx bżonn li d-definizzjoni tiġi kkumplikata b'deskrizzjonijiet iddettaljati.*

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26) "konz" tfisser irkaptu li jikkonsisti ***f'lett, kultant*** ta' tul ***konsiderevoli, mgħammar b'bosta*** snanar ***bil-lixka jew mingħajrha fuq fergħat f'intervalli regolari. Il-lett ikun ankrat*** orizzontalment jew qrib il-qiegħ, vertikalment, jew jitħalla jinġarr mal-kurrent fil-wiċċ; | 26) "konz" tfisser irkaptu li jikkonsisti ***f'medda*** ta' tul ***varjabbli, li magħha jitqabbdu brazzoli bi*** snanar ***spazjati skont l-ispeċi fil-mira; il-medda tkun ankrata*** orizzontalment jew qrib il-qiegħ, vertikalment, jew jitħalla jinġarr mal-kurrent fil-wiċċ; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx bżonn li d-definizzjoni tiġi kkumplikata b'deskrizzjonijiet iddettaljati.*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 27) "nases u kavetti" tfisser nases f'għamla ta' gaġeġ jew qfief ***magħmula minn materjali varji*** ddisinjati sabiex jaqbdu krustaċji jew ħut, jitqiegħdu fuq qiegħ il-baħar jew waħedhom jew f'ringieli, konnessi bi ħbula (ħbula tal-bagi) sa bagi fil-wiċċ li juru l-pożizzjoni tagħhom u li għandhom fetħa waħda jew punt ta' dħul wieħed jew aktar; | 27) "nases u kavetti" tfisser nases f'għamla ta' gaġeġ jew qfief ddisinjati sabiex jaqbdu krustaċji***, molluski*** jew ħut, jitqiegħdu fuq qiegħ il-baħar ***jew sospiżi fuqu, jew*** waħedhom jew f'ringieli, konnessi bi ħbula (ħbula tal-bagi) sa bagi fil-wiċċ li juru l-pożizzjoni tagħhom u li għandhom fetħa waħda jew punt ta' dħul wieħed jew aktar; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċefalopodi jikkostitwixxu waħda mill-ispeċijiet prinċipali fil-mira fis-sajd bin-nases.*

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 28) "xlief tal-idejn" ***tfisser teknika tas-sajd fejn jinżamm*** xlief tas-sajd wieħed bl-idejn***.*** Rixa jew sunnara bil-lixka waħda jew aktar ***jintrabtu max-xlief***; | 28) "xlief tal-idejn" xlief tas-sajd wieħed***, miżmum*** bl-idejn ***li miegħu jintrabtu*** rixa jew sunnara bil-lixka waħda jew aktar; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li kemm jista' jkun jiġu ssimplifikati d-definizzjonijiet.*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 29) "St.Andrew's cross" huwa ħattaf li jagħmel użu minn azzjoni simili għal dik ta' mqass sabiex jaħsad ***pereżempju l-molluski bivalvi jew*** il-qroll aħmar minn qiegħ il-baħar; | 29) "St.Andrew's cross" huwa ħattaf li jagħmel użu minn azzjoni simili għal dik ta' mqass sabiex jaħsad il-qroll aħmar minn qiegħ il-baħar; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Is-St.Andrew's cross jintuża biss għall-ħsad tal-qroll.*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 30) "manka" tfisser l-aktar parti ta' wara tax-xibka tat-tkarkir, li tkun f'forma ta' ċilindru, jiġifieri bl-istess ċirkonferenza t-tul kollu, jew f'forma konika. Magħmula minn panel wieħed jew aktar (biċċiet ta' xbieki) ***tal-istess daqs tal-malja*** mwaħħlin flimkien tul il-ġnub tagħhom ***fl-assi tat-tkarkir minn ġonta fejn jista' jintrabat ħabel tal-ġenb. Għal finijiet regolatorji dan għandu jittieħed bħala l-aħħar 50 malju tax-xibka***; | 30) "manka" tfisser l-aktar parti ta' wara tax-xibka tat-tkarkir, li tkun f'forma ta' ċilindru, jiġifieri bl-istess ċirkonferenza t-tul kollu, jew f'forma konika. Magħmula minn panel wieħed jew aktar (biċċiet ta' xbieki) mwaħħlin flimkien tul il-ġnub tagħhom; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ppreċiżat li mhuwiex eskluż l-użu ta' materjali oħrajn dejjem jekk jinżamm l-istess daqs tal-malja sabiex jiġu ffaċilitati l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni jew l-użu ta' materjali aktar reżistenti fil-fond.*

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 31) "daqs tal-malja" tfisser: ***id-daqs tal-malja ta' kwalunkwe manka ta' rkaptu rmunkat kif imkejla skont il-proċedura stipulata fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008[40] ;*** | 31) "daqs tal-malja" tfisser: |
| | ***a) fi xbieki bl-għoqiedi: l-itwal distanza bejn żewġ għoqiedi opposti fl-istess majla meta tkun totalment estiża;*** |
| | ***b) fi xbieki mingħajr għoqiedi: id-distanza bejn żewġ kantunieri opposti għall-itwal assi fl-istess malja meta tkun totalment estiża;*** |
| ___________________ | |
| ***[40] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008 tal-10 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna tal-ispag tax-xbieki tas-sajd (ĠU L 151, 11.6.2008, p. 5).*** | |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li d-definizzjoni ma tkunx ristretta għax-xbieki tat-tkarkir u li kemm jista' jkun tiġi eliminata r-referenza għal Regolamenti oħrajn.*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32) "malja kwadra" tfisser ***il-forma tal-malja li toriġina mill-armar ta' xbieki b'devjazzjoni ta' 45° mid-direzzjoni N b'tali mod li l-vireg ikunu paralleli u f'90°*** mal-assi tax-xibka ***tat-tkarkir***; | 32) "malja kwadra" tfisser ***malja f'forma kwadrilaterali komposta minn żewġ gruppi ta' vireg paralleli bl-istess lonġitudni nominali, fejn grupp ikun parallel, filwaqt li l-ieħor ikun f'angolu ta' 90°*** mal-assi ***lonġitudinali*** tax-xibka; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni għandha tiġi ssimplifikata u mhux ristretta għax-xbieki tat-tkarkir.*

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 33) "malja djamant" ***tfisser forma ta' rombojd normali tal-malji fix-xbieki***; | 33) "malja djamant" ***hija komposta minn erba' vireg tal-istess lonġitudni, fejn iż-żewġ dijagonali tal-malja jkunu perpendikolari u dijagonali waħda tkun parallela mal-assi lonġitudinali tax-xibka***; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jiġu evitati t-totoloġiji fid-definizzjonijiet.*

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***36) "xibka passatur" tfisser apparat imwaħħal maċ-ċirkonferenza sħiħa tax-xibka tat-tkarkir għall-gambli qrib it-travu, li jiġi għall-ponta fejn huwa mwaħħal mas-saff t'isfel tax-xibka tat-tkarkir tal-gambli. Toqba tal-ħruġ tinfetaħ fejn jiltaqgħu x-xibka passatur u l-manka, u tippermetti li speċijiet jew individwi kbar wisq biex jgħaddu mill-passatur jaħarbu, filwaqt li l-gambli jistgħu jgħaddu mill-passatur għal ġol-manka;*** | ***imħassar*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Dan huwa terminu li ma jintużax fil-proposta u d-definizzjoni tiegħu hija, għaldaqstant, mhux meħtieġa.*

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 38) "ħin tal-immersjoni" tfisser il-perjodu mill-mument meta ***x-xbieki*** jitniżżlu l-ewwel darba fl-ilma sal-mument meta ***x-xbieki jittellgħu kompletament*** abbord il-bastiment tas-sajd; | 38) "ħin tal-immersjoni" tfisser il-perjodu mill-mument meta ***kull wieħed mill-irkapti*** jitniżżlu l-ewwel darba fl-ilma sal-mument meta ***kull irkaptu jittella'*** abbord il-bastiment tas-sajd; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Xi drabi jintużaw irkapti differenti f'żoni ta' sajd differenti. Għandu jiġi evitat li l-ħin tan-navigazzjoni jingħadd bħala ħin tal-immersjoni.*

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 39) "sensuri ta' monitoraġġ tal-irkaptu" tfisser sensuri elettroniċi imbiegħda li jistgħu jitpoġġew ***fuq xbieki tat-tkarkir jew tartarun tal-borża*** sabiex jissorveljaw il-parametri ta' prestazzjoni ewlenin ***bħad-distanza bejn il-bibien tax-xbieki tat-tkarkir jew id-daqs*** tal-qabda; | 39) "sensuri ta' monitoraġġ tal-irkaptu" tfisser sensuri elettroniċi imbiegħda li jistgħu jitpoġġew sabiex jissorveljaw il-parametri ta' prestazzjoni ewlenin ***jew il-karatteristiċi*** tal-qabda; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx raġuni biex jiġi llimitat l-użu tas-sensuri għal żewġ tipi ta' rkaptu jew il-parametri soġġetti għall-osservazzjoni.*

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 40) "apparat akustiku deterrenti" tfisser apparat ***imbiegħed użat sabiex jgħarraf u javża*** speċijiet bħal mammiferi tal-baħar ***bil-preżenza ta' rkaptu billi jibgħat sinjali akustiċi;*** | 40) "apparat akustiku deterrenti" tfisser apparat ***li jemetti sinjali akustiċi bil-għan li*** speċijiet bħal mammiferi tal-baħar ***jitbiegħdu mill-irkapti tas-sajd;*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn huma strumenti mmuntati fuq l-irkapti u m'għandhomx interazzjoni mal-bastiment; għaldaqstant ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala mbiegħda.*

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| g) kwalunkwe tip ta' projettili; | g) kwalunkwe tip ta' projettili***, bl-eċċezzjoni ta' dawk użati għall-qtil tat-tonn fil-gaġġa jew maqbud fit-tunnara jew il-foxxni użati fis-sajd rikreattiv tal-għadis mingħajr akkwalung u miż-żerniq sa nżul ix-xemx***; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' sigurtà, xi drabi jistgħu jintużaw projettili għall-qtil ta' tonn fil-gaġġa jew maqbud fit-tunnara. Għandhom jinżammu l-prattiki awtorizzati fis-sajd rikreattiv ta' taħt il-baħar.*

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-ebda parti minn irkaptu ma għandha tinbena bil-daqs tal-malja iżgħar mid-daqs tal-malja tal-manka.*** Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal tagħmir ta' xbieki li jintuża biex jitwaħħlu sensuri tal-monitoraġġ tal-irkaptu. | 1. ***Id-daqs tal-malja ta' xibka tat-tkarkir għandu jfisser id-daqs tal-malja ta' kull manka jew tarf tax-xibka jew biċċa tawwalija misjuba abbord bastiment tas-sajd li jkunu mqabbda jew jistgħu jitqabbdu ma' xibka tat-tkarkir.*** Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal tagħmir ta' xbieki li jintuża biex jitwaħħlu sensuri tal-monitoraġġ tal-irkaptu ***jew għall-istrumenti ta' separazzjoni għall-ħut u l-fkieren***. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa aktar effikaċi li jiġi ddefinit id-daqs tal-malja milli li tiġi pprojbita l-manifattura tagħha. Għandhom jitħallew isiru l-innovazzjonijiet għat-titjib tas-selettività.*

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għandu jkun ipprojbit ***li tinbena*** xi ***manka jew jitwaħħal xi*** apparat li jostakola jew inaqqas b'mod effettiv id-daqs tal-malja tal-manka jew xi parti tal-irkaptu rmunkat. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex teskludi l-użu ta' apparat speċifikat li jintuża biex inaqqas it-tkagħbir bl-użu, sabiex isaħħaħ jew jillimita l-ħarba ta' qabdiet fil-parti ta' quddiem tal-irkaptu rmunkat. | 3. Għandu jkun ipprojbit ***l-użu jew it-trasport abbord il-bastimenti tas-sajd ta'*** xi apparat li jostakola jew inaqqas b'mod effettiv id-daqs tal-malja tal-manka jew xi parti tal-irkaptu rmunkat. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex teskludi l-użu ta' apparat speċifikat li jintuża biex inaqqas it-tkagħbir bl-użu, sabiex isaħħaħ jew jillimita l-ħarba ta' qabdiet fil-parti ta' quddiem tal-irkaptu rmunkat. ***Lanqas mhija eskluża l-installazzjoni ta' strumenti maħsuba għall-kontroll tal-qbid.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa aktar effikaċi li jiġi pprojbit l-użu jew it-trasport ta' kwalunkwe strument li jimmodifika l-malja milli li tiġi pprojbita l-manifattura tiegħu. Xi drabi jintużaw oġġetti sempliċi sabiex jiġi mmodifikat id-daqs tal-malja. Sabiex jiġu evitati kunflitti mal-awtoritajiet ta' kontroll, għandu jkun jista' jiġi installat l-apparat ta' superviżjoni u kontroll tal-qbid.*

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Restrizzjonijiet ġenerali fuq l-użu tax-xbieki statiċi | Restrizzjonijiet ġenerali fuq l-użu tax-xbieki statiċi ***u għeżula tat-tisqif.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-parti l-kbira tal-Artikolu 10 hija ddedikata għall-għeżula tat-tisqif.*

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Minkejja dak li hemm fil-paragrafu 1 għandu jkun ipprojbit li jkun hemm abbord jew jintuża kwalunkwe għażel tat-tisqif fil-Baħar Baltiku.*** | ***imħassar*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-projbizzjoni tal-użu tal-għeżula tat-tisqif fil-Baħar Baltiku ddaħħlet biex jiġi evitat il-qbid aċċidentali tad-dniefel. Fil-Polonja nħarġu rapporti xjentifiċi li jiddeskrivu n-nuqqas ta' qbid aċċidentali ta' dniefel fl-għeżula tat-tisqif.*

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - alonga (Thunnus alalunga), | - alonga ***tat-Tramuntana*** (Thunnus alalunga), |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-Ispanjol din l-ispeċi tissejjaħ "albacora" jew "bonito del norte".*

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn il-mappa turi fond ikbar minn ***600*** metru, l-għeżula tal-qiegħ, ix-xbieki tat-tħabbil u l-parit ma jistgħu jintużaw fl-ebda pożizzjoni. | 5. Fejn il-mappa turi fond ikbar minn ***200*** metru, l-għeżula tal-qiegħ, ix-xbieki tat-tħabbil u l-parit ma jistgħu jintużaw fl-ebda pożizzjoni. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 5(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 jistabbilixxi l-limitu għal 200 metru. Jekk jenħtieġ li jinżamm status quo, dan għandu jinżamm għal 200 metru.*

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a) Minkejja dak li jipprovdi l-paragrafu 5, bejn 200 u 600 metru japplikaw id-derogi speċifiċi previsti fl-annessi.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jiġu evitati kontradizzjonijiet potenzjali bejn il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u l-*

*annessi.*

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt intenzjonat ta' speċijiet ta' ħut jew frott tal-baħar bil-qoxra msemmija fl-Anness IV ta' Direttiva 92/43/KEE għandu jkun ipprojbit ħlief meta tingħata deroga skont l-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva.*** | ***imħassar*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm biss erba' speċijiet fid-Direttiva 92/43 li ma jidhrux fl-Anness I u dawn huma miżjuda f'emendi separati. Fl-interessi taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li kemm jista' jkun jiġu eliminati r-referenzi għal Direttivi, li s-suġġetti tagħhom huma l-Istati Membri, u mhux ir-Regolamenti tal-Kunsill u l-Parlament.*

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Apparti l-ispeċi imsemmija fil-paragrafu 1,*** il-bastimenti tal-Unjoni ma jistgħux jistadu, iżommu abbord, jittrasbordaw, iħottu, jaħżnu, jbigħu, juru jew joffru għall-bejgħ l-ispeċijiet imniżżla fl-Anness I. | 2. Il-bastimenti tal-Unjoni ma jistgħux jistadu, iżommu abbord, jittrasbordaw, iħottu, jaħżnu, jbigħu, juru jew joffru għall-bejgħ l-ispeċijiet imniżżla fl-Anness I***, ħlief meta tkun ingħatat eżenzjoni skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/43/KEE***. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm biss erba' speċijiet fid-Direttiva 92/43 li ma jidhrux fl-Anness I u dawn huma miżjuda f'emendi separati. Fl-interessi taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li kemm jista' jkun jiġu eliminati r-referenzi għal Direttivi, li s-suġġetti tagħhom huma l-Istati Membri, u mhux ir-Regolamenti tal-Kunsill u l-Parlament.*

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta jinqabdu ***inċidentalment***, l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu ***1 u*** 2 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jintefgħu lura l-baħar immedjatament. | 3. Meta jinqabdu ***aċċidentalment***, l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jintefgħu lura l-baħar immedjatament. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm biss erba' speċijiet fid-Direttiva 92/43 li ma jidhrux fl-Anness I u dawn huma miżjuda f'emendi separati. Fl-interessi taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li kemm jista' jkun jiġu eliminati r-referenzi għal Direttivi, li s-suġġetti tagħhom huma l-Istati Membri, u mhux ir-Regolamenti tal-Kunsill u l-Parlament.*

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a) Il-paragrafu 3 ma għandux japplika meta l-Istat Membru tal-bandiera jkollu programm uffiċjali li jindirizza l-ġbir u l-istudju xjentifiku ta' individwi tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm biss erba' speċijiet fid-Direttiva 92/43 li ma jidhrux fl-Anness I u dawn huma miżjuda f'emendi separati. Fl-interessi taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li kemm jista' jkun jiġu eliminati r-referenzi għal Direttivi, li s-suġġetti tagħhom huma l-Istati Membri, u mhux ir-Regolamenti tal-Kunsill u l-Parlament.*

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11(4)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn l-aħjar parir xjentifiku disponibbli juri li hemm bżonn emenda fil-lista fl-Anness I billi jiżdiedu speċijiet ġodda li jeħtieġu l-protezzjoni, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta emendi bħal dawn permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 32. | 4. Fejn l-aħjar parir xjentifiku disponibbli juri li hemm bżonn emenda fil-lista fl-Anness I billi jiżdiedu speċijiet ġodda li jeħtieġu l-protezzjoni ***jew it-tħassir ta' speċijiet li ma jeħtiġux aktar li jibqgħu fuq il-lista,*** il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta emendi bħal dawn permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 32. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm biss erba' speċijiet fid-Direttiva 92/43 li ma jidhrux fl-Anness I u dawn huma miżjuda f'emendi separati. Fl-interessi taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li kemm jista' jkun jiġu eliminati r-referenzi għal Direttivi, li s-suġġetti tagħhom huma l-Istati Membri, u mhux ir-Regolamenti tal-Kunsill u l-Parlament.*

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Miżuri adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandhom ***jimmiraw li jiksbu l-mira stipulata*** fl-Artikolu 4(1)(b). | 5. Miżuri adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandhom ***ikunu ppreċeduti minn evalwazzjoni tal-indikaturi ta' effikaċja stabibliti*** fl-Artikolu 4(1)(b). |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm biss erba' speċijiet fid-Direttiva 92/43 li ma jidhrux fl-Anness I u dawn huma miżjuda f'emendi separati. Fl-interessi taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li kemm jista' jkun jiġu eliminati r-referenzi għal Direttivi, li s-suġġetti tagħhom huma l-Istati Membri, u mhux ir-Regolamenti tal-Kunsill u l-Parlament.*

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Qabdiet ***aċċessorji*** ta' mammiferi tal-baħar, għasafar tal-baħar u rettili tal-baħar | Qabdiet ***aċċidentali*** ta' mammiferi tal-baħar, għasafar tal-baħar u rettili tal-baħar |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx sajd kummerċjali ta' għasafar, rettili jew mammiferi tal-baħar. Jekk ikun hemm xi qbid ta' dawn l-ispeċijiet, dan ikun purament aċċidentali.*

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt intenzjonat ta' mammiferi tal-baħar ***jew*** rettili tal-baħar ***imsemmija fl-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/43/KEE u ta' speċi ta'*** għasafar tal-baħar ***koperti mid-Direttiva 2009/147/KE*** huwa pprojbit. | 1. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt intenzjonat ta' mammiferi tal-baħar**,** rettili tal-baħar ***jew*** għasafar tal-baħar huwa pprojbit. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx sajd kummerċjali ta' għasafar, rettili jew mammiferi tal-baħar. Tista' tiddaħħal projbizzjoni ġenerika mingħajr il-ħtieġa li tintuża Direttiva. Fl-interessi taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li kemm jista' jkun jiġu eliminati r-referenzi għal dispożizzjonijiet legali ta' grad inferjuri għal dan ir-Regolament. Is-suġġett tad-Direttivi huma l-Istati Membri, u mhux ir-Regolamenti tal-Kunsill u l-Parlament.*

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Meta jinqabdu ***inċidentalment,*** l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jintefgħu l-baħar immedjatament. | 2. Meta jinqabdu ***aċċidentalment,*** l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jintefgħu l-baħar immedjatament. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx sajd kummerċjali ta' għasafar, rettili jew mammiferi tal-baħar. Jekk ikun hemm xi qbid ta' dawn l-ispeċijiet, dan ikun purament aċċidentali.*

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. Minkejja dak li hemm fil-paragrafi 1 u 2, iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt ta' eżemplari ta' speċi tal-baħar imsemmija fil-paragrafu 1 li jkunu nqabdu ***inċidentalment***, għandhom ikunu awtorizzati sakemm din l-attività tibqa' meħtieġa biex tiżgura assistenza fl-irkupru tal-annimali individwali u sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati jkunu ġew infurmati b'kollox minn qabel. | 3. Minkejja dak li hemm fil-paragrafi 1 u 2, iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt ta' eżemplari ta' speċi tal-baħar imsemmija fil-paragrafu 1 li jkunu nqabdu ***aċċidentalment***, għandhom ikunu awtorizzati sakemm din l-attività tibqa' meħtieġa biex tiżgura assistenza fl-irkupru tal-annimali individwali ***jew għal riċerki xjentifiċi*** u sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati jkunu ġew infurmati b'kollox minn qabel. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx sajd kummerċjali ta' għasafar, rettili jew mammiferi tal-baħar. Jekk ikun hemm xi qbid ta' dawn l-ispeċijiet, dan ikun purament aċċidentali.*

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 - paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a) Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx meta l-Istat Membru tal-bandiera jkollu programm uffiċjali li jindirizza l-ġbir u l-istudju xjentifiku ta' individwi ta' għasafar, rettili jew mammiferi tal-baħar.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx sajd kummerċjali ta' għasafar, rettili jew mammiferi tal-baħar. Jekk ikun hemm xi qbid ta' dawn l-ispeċijiet, dan ikun purament aċċidentali.*

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fejn l-aqwa parir xjentifiku disponibbli jirrakkomanda emenda tal-lista ta' żoni fl-Anness II, ***inkluża ż-żieda ta' żoni ġodda,*** il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta dawn l-emendi permezz ta' atti delegati, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2) u 11(3) tar-Regolament (UE) 1380/2013. Meta ***tadotta emendi*** bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-mitigazzjoni ta' effetti negattivi kkaġunati mill-ispostament tal-attività tas-sajd għal żoni ***sensittivi*** oħrajn. | 2. Fejn l-aqwa parir xjentifiku disponibbli jirrakkomanda emenda ***urġenti*** tal-lista ta' żoni fl-Anness II, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta dawn l-emendi permezz ta' atti delegati, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2) u 11(3) tar-Regolament (UE) 1380/2013. Meta ***tippreżenta proposta b'emendi*** bħal dawn, il-Kummissjoni għandha ***tehmeż mal-proposta ta' att delegat mappa sħiħa taż-żona vulnerabbli u*** għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-mitigazzjoni ta' effetti negattivi ***ambjentali, soċjali u ekonomiċi*** kkaġunati mill-ispostament tal-attività tas-sajd għal żoni ***sensittivi*** oħrajn. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 11(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprovdi qafas għall-modifiki inkwistjoni. Żieda tal-poteri tal-Kummissjoni hija ġustifikabbli biss f'każ ta' urġenza. Huwa essenzjali li l-Kummissjoni tipprovdi mappa sħiħa taż-żoni vulnerabbli kollha, filwaqt li tiddeskrivi r-raġunijiet għall-protezzjoni tagħhom. Sabiex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà,*

*għandhom jiġu kkunsidrati kemm l-effetti ambjentali kif ukoll dawk soċjoekonomiċi tal-għeluq potenzjali taż-żoni tas-sajd.*

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn ***ħabitats bħal dawn*** jokkorru fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu s-setgħa jistabbilixxi żoni magħluqa jew miżuri ta' konservazzjoni oħrajn sabiex jipproteġi dawn il-ħabitats, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 1380/2013. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu kompatibbli mal-objettivi tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 1380/2013 u jkunu mill-anqas stretti daqs il-miżuri tal-liġi tal-Unjoni. | 3. Fejn ***żoni tal-Anness II*** jokkorru fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu s-setgħa jistabbilixxi żoni magħluqa jew miżuri ta' konservazzjoni oħrajn sabiex jipproteġi dawn il-ħabitats, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 1380/2013. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu kompatibbli mal-objettivi tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 1380/2013 u jkunu mill-anqas stretti daqs il-miżuri tal-liġi tal-Unjoni. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett ta' "ħabitats bħal dawn" mhuwiex preċiż. Huwa preferibbli li ssir referenza għaż-żoni elenkati fl-Anness II. Madankollu, dan il-paragrafu huwa superfluwu fir-rigward tal-Artikolu 11 tar-Regolament bażiku tal-PKS.*

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***aa) jipprojbixxu l-kummerċjalizzazzjoni għall-konsum tal-bniedem ta' speċijiet tal-baħar li jkunu għadhom qed jikbru skont l-Artikolu 12(5)(b) u 15(11) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Wara li ġie stabbilit l-obbligu ta' żbark jenħtieġ li jiġi evitat li jinħoloq suq għall-ispeċijiet tal-baħar li jkunu għadhom qed jikbru.*

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-prattiki ta' selezzjoni kwalitattiva u tat-tħarrib għandhom jiġu pprojbiti. | 1. Il-prattiki ta' selezzjoni kwalitattiva u tat-tħarrib ***fl-ispeċijiet soġġetti għal limiti ta' qbid*** għandhom jiġu pprojbiti. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prattiki inkwistjoni jagħmlu biss sens fir-rigward tal-ispeċijiet soġġetti għal limiti ta' qbid.*

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Speċijiet mhux soġġetti għal limiti tal-qbid.*** | ***Proġetti pilota biex jiġu evitati l-qabdiet mhux mixtieqa*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-titolu jkun koerenti mal-kontenut tal-artikolu. Jista' jkun hemm qbid mhux mixtieq ta' speċijiet soġġetti għal limiti ta' qbid li wkoll għandu jitnaqqas.*

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jwettqu | 1. L-Istati Membri jistgħu jwettqu |

| | |
|---|---|
| proġetti pilota bil-għan li jesploraw metodi sabiex jevitaw, jimminimizzaw u jeliminaw qabdiet mhux mixtieqa ***tal-ispeċi mhux soġġetti għal limiti tal-qbid.*** Dawn il-proġetti pilota għandhom jikkundisraw tal-opinjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. | proġetti pilota bil-għan li jesploraw metodi sabiex jevitaw, jimminimizzaw u jeliminaw qabdiet mhux mixtieqa. Dawn il-proġetti pilota għandhom jikkundisraw tal-opinjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jista' jkun hemm qbid mhux mixtieq ta' speċijiet soġġetti għal limiti ta' qbid li wkoll għandu jitnaqqas.*

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fejn ir-riżultati ta' dawn l-istudji pilota jew parir xjentifiku ieħor jindikaw li l-qabdiet mhux mixtieqa ***ta' speċi li mhumiex soġġetti għal limiti tal-qbid huma*** sinifikanti, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miżuri tekniċi li jnaqqsu dawn il-qabdiet mhux mixtieqa skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 1380/2013. Dawn il-miżuri tekniċi għandhom japplikaw biss għal bastimenti tas-sajd li għandhom il-bandiera ta' dak l-Istat Membru. | 2. Fejn ir-riżultati ta' dawn l-istudji pilota jew parir xjentifiku ieħor jindikaw li l-qabdiet mhux mixtieqa ***ikunu*** sinifikanti ***iżda mhux profittabbli***, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miżuri tekniċi li jnaqqsu dawn il-qabdiet mhux mixtieqa skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 1380/2013. Dawn il-miżuri tekniċi għandhom japplikaw biss għal bastimenti tas-sajd li għandhom il-bandiera ta' dak l-Istat Membru. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Ċerti speċijiet mhux soġġetti għal TAC u kwoti normalment jifformaw parti mill-qbid tal-flotot tas-sajd tal-UE, u għaldaqstant, jitqiesu bħala speċijiet importanti b'valur ekonomiku, biex b'hekk jiġi żgurat il-profitt ta' kull vjaġġ tas-sajd.*

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – titolu**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Prinċipji ta' gwida*** | ***[…] Miżuri tekniċi reġjonali*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Gżejjer Kanarji, l-Azores u Madeira huma reġjuni ultraperiferiċi iżda l-ilmijiet tagħhom huma rregolati mill-Anness VII, li jirrigwarda l-ilmijiet tal-lbiċ Għandu jingħad li l-pjanijiet pluriennali għandhom marġni ta' manuvrar sabiex jindirizzaw problemi speċifiċi f'reġjun partikolari.*

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt g**

| | |
|---|---|
| g) fl-Anness XI ***għar-Reġjuni Ultraperiferiċi.*** | g) fl-Anness XI ***għall-Ilmijiet tal-Unjoni fl-Oċean Indjan u fl-Atlantiku tal-Punent.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Gżejjer Kanarji, l-Azores u Madeira huma reġjuni ultraperiferiċi iżda l-ilmijiet tagħhom huma rregolati mill-Anness VII, li jirrigwarda l-ilmijiet tal-lbiċ Għandu jingħad li l-pjanijiet pluriennali għandhom marġni ta' manuvrar sabiex jindirizzaw problemi speċifiċi f'reġjun partikolari.*

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. F'reġjun partikolari, u filwaqt li jinżammu x-xejriet ta' sfruttament u livell ta' protezzjoni proporzjonati għall-ispeċijiet u l-ħabitats sensittivi stabbiliti mill-annessi msemmija fil-paragrafu 1, il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***pjanijiet pluriennali li għalihom jirreferu l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistgħu:*** <br><br> ***a) jemendaw jew jissupplimentaw il-miżuri stipulati fl-Annessi V sa XI;*** <br><br> ***b) jidderogaw mill-miżuri stipulati fl-Annessi V sa XI għal żona speċifika jew perjodu ta' żmien speċifiku, sakemm jista' jintwera li dawn il-miżuri ma għandhom l-ebda benefiċċju relatat mal-konservazzjoni f'dik iż-żona jew perjodu jew li l-miżuri alternattivi jiksbu l-istess objettivi.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Gżejjer Kanarji, l-Azores u Madeira huma reġjuni ultraperiferiċi iżda l-ilmijiet tagħhom huma rregolati mill-Anness VII, li jirrigwarda l-ilmijiet tal-lbiċ Għandu jingħad li l-pjanijiet pluriennali għandhom marġni ta' manuvrar sabiex jindirizzaw problemi speċifiċi f'reġjun partikolari.*

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) jimmiraw li jilħqu l-objettivi u ***l-miri*** stipulati fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament; | a) jimmiraw li jilħqu l-objettivi u ***t-titjib tal-indikaturi tal-effikaċja*** stipulati fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament ***rispettivament***; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "indikaturi tal-effikaċja" huwa aktar adattat għall-funzjoni ta' evalwazzjoni.*

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-Istati Membri jibagħtu rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 19 sabiex jemendaw iż-żoni magħluqin jew ristretti mniżżla fil-Parti C tal-Annessi V sa VIII u X u Parti B tal-Anness XI jew jistabbilixxu żoni magħluqin jew ristretti ġodda, għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin fir-rigward ta' dawn iż-żoni magħluqin jew ristretti f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti: | Meta l-Istati Membri jibagħtu rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 19 sabiex jemendaw iż-żoni magħluqin jew ristretti mniżżla fil-Parti C tal-Annessi V sa VIII u X u Parti B tal-Anness XI jew jistabbilixxu żoni magħluqin jew ristretti ġodda, ***jew biex jirrestrinġuhom,*** għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin fir-rigward ta' dawn iż-żoni magħluqin jew ristretti f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti: |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kundizzjonijiet oċeanografiċi jinbidlu, kif tinbidel ukoll id-distribuzzjoni ġeografika ta' ċerti speċijiet. Għandu jkun possibbli wkoll li jiġu eliminati żoni magħluqa jew restritti meta r-rapporti xjentifiċi jistabbilixxu li ma jkunux għadhom meħtieġa.*

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. F'każ li l-bastimenti ta' Stat Membru wieħed biss ikunu milquta mill-għeluq f'ħin reali jew minn spostamenti, għandhom jiġu adottati miżuri li jnaqqsu l-impatt tagħhom fuq il-bażi tal-aħjar data xjentifika disponibbli.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn il-miżuri m'għandhomx jintużaw b'mod diskriminatorju.*

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – inċiż 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| - jispeċifikaw miżuri sabiex jimminimizzaw l-impatti tal-irkaptu fuq il-ħabitats imsemmija fl-Artikolu 13 ***jew ħabitats sensittivi oħrajn barra minn siti tan-NATURA 2000***; | - jispeċifikaw miżuri sabiex jimminimizzaw l-impatti tal-irkaptu fuq il-ħabitats imsemmija fl-Artikolu 13; |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ppreċiżat il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu, u dan għandu jsir taħt l-istess Regolament.*

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – inċiż 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| - jispeċifikaw restrizzjonijiet fuq il-bini u operazzjoni ta' rkaptu speċifikat jew jintroduċu projbizzjoni totali fuq l-użu ta' ċertu rkaptu f'reġjun fejn irkaptu bħal dan jirrappreżenta theddida għall-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikoli 11 u 12 jew għall-ħabitats imsemmija fl-Artikolu 13 ***jew ħabitats sensittivi oħrajn barra minn siti tan-NATURA 2000.*** | - jispeċifikaw restrizzjonijiet fuq il-bini u operazzjoni ta' rkaptu speċifikat jew jintroduċu projbizzjoni totali fuq l-użu ta' ċertu rkaptu f'reġjun fejn irkaptu bħal dan jirrappreżenta theddida għall-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikoli 11 u 12 jew għall-ħabitats imsemmija fl-Artikolu 13. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ppreċiżat il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu, u dan għandu jsir taħt l-istess Regolament.*

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 - paragrafu 1 - punt da (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***da) eċċezzjonijiet approvati skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013;*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jiġi ppreċiżat liema eċċezzjonijiet għandhom japplikaw fil-pjan ta' skart, skont ir-Regolament bażiku tal-PKS.*

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw li jilħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 3 u b'mod partikolari dawk dwar il-protezzjoni tal-aggregazzjonijiet li għadhom qed jikbru jew ***riproduttivi ta' ħut*** jew speċijiet ta' ***frott tal-baħar bil-qoxra***. | 2. Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw li jilħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 3 u b'mod partikolari dawk dwar il-protezzjoni tal-aggregazzjonijiet li għadhom qed jikbru jew ***ħut riproduttiv,*** jew speċijiet ta' ***krustaċji u molluski***. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tal-formulazzjoni tal-kliem.*

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 28*** | ***imħassar*** |
| ***Il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku (NEAFC)*** | |
| ***Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-*** | |

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 32 sabiex*** |
| | ***a) tittrasponi f'liġi tal-Unjoni ċerti miżuri tekniċi li magħhom miftiehma mill-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku (NEAFC), inklużi listi ta' ekosistemi tal-baħar vulnerabbli u miżuri tekniċi speċifiċi marbutin mal-industriji tas-sajd tal-linarda u r-redfish definiti fir-Rakkomandazzjonijiet tal-NEAFC 05:2013, 19:2014, 01:2015, 02:2015; u*** |
| | ***b) tadotta miżuri tekniċi oħrajn li jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' atti leġiżlattivi li jittrasponu rakkomandazzjonijiet tal-NEAFC.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx raġuni biex jingħata trattament differenti lil organizzazzjonijiet reġjonali differenti. Mhuwiex raġonevoli li fit-traspożizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-NEAFC tintuża proċedura differenti minn dik użata f'RFMOs oħrajn.*

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-miżuri tekniċi msemmija f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet tas-sajd magħmula ***biss għal għan*** ta' investigazzjonijiet xjentifiċi soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: | 1. Il-miżuri tekniċi msemmija f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet tas-sajd magħmula ***fil-qafas*** ta' ***kampanji*** ta' investigazzjonijiet xjentifiċi soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*F'kuntest ta' diffikultajiet baġitarji, jenħtieġ li ma jiġux applikati approċċi restrittivi għall-metodi ta' riċerka xjentifika.*

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Atti delegati msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal perjodu ta' mhux aktar minn ***tliet snin*** mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6 tal-Artikolu 32. | 3. Atti delegati msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal perjodu ta' mhux aktar minn ***sentejn*** mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6 tal-Artikolu 32. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Tliet snin huwa perjodu twil wisq għal sempliċi miżura ta' salvagwardja.*

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Abbażi ta' dak ir-rapport, meta fil-livell reġjonali jkun hemm evidenza li ma ntlaħqux l-objettivi u l-miri, fi żmien ***sitt xhur*** wara li jintbagħat ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri f'dak ir-reġjun għandhom jibagħtu pjan li jistipula l-azzjonijiet korrettivi li sejrin jittieħdu sabiex ikun żgurat li dawk l-objettivi u miri jistgħu jintlaħqu. | 2. Abbażi ta' dak ir-rapport, meta fil-livell reġjonali jkun hemm evidenza li ma ntlaħqux l-objettivi u l-miri, fi żmien ***tnax-il xahar*** wara li jintbagħat ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri f'dak ir-reġjun għandhom jibagħtu pjan li jistipula l-azzjonijiet korrettivi li sejrin jittieħdu sabiex ikun żgurat li dawk l-objettivi u miri jistgħu jintlaħqu. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Perjodu ta' sitt xhur jirriżulta qasir ħafna jekk il-pjan għandu jkun akkumpanjat minn rapport xjentifiku.*

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 36***<br>***Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1098/2007***<br>***Fir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 jitħassru l-Artikoli 8 u 9.*** | ***imħassar*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 ġie mħassar mir-Regolament (UE) 2016/1139.*

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt b**
Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 54c – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) il-bastiment ma jġorrx jew ma jużax abbord fl-istess ħin irkaptu rmunkat b'daqs tal-malja ta' inqas minn ***80*** mm jew tartarun tal-borża waħda jew aktar jew irkaptu simili; jew | a) il-bastiment ma jġorrx jew ma jużax abbord fl-istess ħin irkaptu rmunkat b'daqs tal-malja ta' inqas minn ***70*** mm jew tartarun tal-borża waħda jew aktar jew irkaptu simili; jew |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-malja ta' 70 mm ilha tintuża għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Il-kelma "immedjatament" għandha tiġi eliminata sabiex tingħata flessibbiltà biex il-qbid ikun jista' jiġi organizzat wara l-klassifikazzjoni tiegħu. Huwa importanti wkoll li l-bastimenti jżommu abbord iċ-ċertifikazzjoni mill-Istat tal-bandiera, sabiex jiġi evitat nuqqas ta' ftehim mal-ispetturi tas-sajd ta' Stati Membri oħrajn.*

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt b**
Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 54c – paragrafu 2 – punt b – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| il-ħut iggradat huwa ffriżat ***immedjatament*** wara li jiġi ggradat u l-ebda ħut iggradat ma jintefa' lura l-baħar; u | il-ħut iggradat huwa ffriżat wara li jiġi ggradat u l-ebda ħut iggradat ma jintefa' lura l-baħar; u |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-malja ta' 70 mm ilha tintuża għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Il-kelma "immedjatament" għandha tiġi eliminata sabiex tingħata flessibbiltà biex il-qbid ikun jista' jiġi organizzat wara l-klassifikazzjoni tiegħu. Huwa importanti wkoll li l-bastimenti jżommu abbord iċ-ċertifikazzjoni mill-Istat tal-bandiera, sabiex jiġi evitat nuqqas ta' ftehim mal-ispetturi tas-sajd ta' Stati Membri oħrajn.*

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt b**
Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 54c – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| it-tagħmir ikun installat u miżmum fuq il-bastiment b'tali mod sabiex jassigura friżar ***immedjat*** u li ma jħallix it-tfiegħ lura fil-baħar ta' organiżmi tal-baħar. | it-tagħmir ikun installat u miżmum fuq il-bastiment b'tali mod sabiex jassigura friżar u li ma jħallix it-tfiegħ lura fil-baħar ta' organiżmi tal-baħar. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-malja ta' 70 mm ilha tintuża għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Il-kelma "immedjatament" għandha tiġi eliminata sabiex tingħata flessibbiltà biex il-qbid ikun jista' jiġi organizzat wara l-klassifikazzjoni tiegħu. Huwa importanti wkoll li l-bastimenti jżommu abbord iċ-ċertifikazzjoni mill-Istat tal-bandiera, sabiex jiġi evitat nuqqas ta' ftehim mal-ispetturi tas-sajd ta' Stati Membri oħrajn.*

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt b**
Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 54c – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a) L-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera għandu jiċċertifika l-pjanijiet tal-bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża sabiex tiggarantixxi l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-malja ta' 70 mm ilha tintuża għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Il-kelma "immedjatament" għandha tiġi eliminata sabiex tingħata flessibbiltà biex il-qbid ikun jista' jiġi organizzat wara l-klassifikazzjoni tiegħu. Huwa importanti wkoll li l-bastimenti jżommu abbord iċ-ċertifikazzjoni mill-Istat tal-bandiera, sabiex jiġi evitat nuqqas ta' ftehim mal-ispetturi tas-sajd ta' Stati Membri oħrajn.*

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 38*** | ***imħassar*** |
| ***Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011*** | |
| ***L-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1343/2011 huwa emendat kif ġej:*** | |
| ***1) jiżdied il-punt li ġej:*** | |
| ***"h) miżuri tekniċi fl-Artikoli 4, 10, 12, 15, 15a, 16, 16b, 16c, 16d, 16f, 16 g, 16h, 16i, 16j u 16k.; "*** | |
| ***2) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** | |
| ***"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex tittrasponi fil-liġi tal-Unjoni l-miżuri tekniċi l-oħra stabbiliti mill-GFCM li jsiru obbligatorji għall-Unjoni u biex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' atti leġiżlattivi li jittrasponu r-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM dwar il-*** | |

***miżuri tekniċi. "***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx raġuni biex jingħata trattament differenti lil Organizzazzjonijiet Reġjonali differenti. Mhuwiex raġonevoli li fit-traspożizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-NEAFC u tal-GFCM tintuża proċedura differenti minn dik użata f'RFMOs oħrajn.*

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Regolamenti (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 jitħassru. | Ir-Regolamenti (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, ***(KE) Nru 494/2002,*** (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 jitħassru. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha ssir deroga mir-Regolament (KE) Nru 494/2002 tal-Kummissjoni. Dan huwa Regolament ta' implimentazzjoni li kien stabbilixxa miżuri tekniċi ferm qabel ir-riforma tal-PKS u dan m'għandux jinżamm fis-seħħ wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, għandu skop tranżitorju sar-riforma tar-Regolament (KE) Nru 850/98.*

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt na (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***na) houting (Coregonus oxyrinchus) fis-subżona ICES IVb (ilmijiet tal-Unjoni);*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jiżdiedu l-ispeċijiet ipprojbiti fid-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-*

*habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.*

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt nb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***nb) storjun tal-Adrijatiku (Acipenser naccarii) u storjun komuni (Acipenser sturio) fl-ilmijiet tal-Unjoni;*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jiżdiedu l-ispeċijiet ipprojbiti fid-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.*

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt p**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| p) id-date shell (Lithophaga lithophaga) u l-folas komuni (Pholas dactylus) f'ilmijiet tal-Unjoni fil-Mediterran. | p) id-date shell (Lithophaga lithophaga)***, nakkra tal-ħarira (Pinna nobilis)*** u l-folas komuni (Pholas dactylus) f'ilmijiet tal-Unjoni fil-Mediterran. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jiżdiedu l-ispeċijiet ipprojbiti fid-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.*

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt pa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***pa) rizza tax-xewk twal (Centrostephanus longispinus).*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jiżdiedu l-ispeċijiet ipprojbiti fid-*Direttiva 92/43/KEE *dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.*

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV - paragrafu 5a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***5a) Id-daqs ta' għaġuża għandu jitkejjel, kif muri fil-figura 5a, tul il-linja tan-nofs mit-tarf tal-qoxra bejn l-imnaqar sat-tarf ta' wara tal-qoxra, bejn iż-żewġt uċuħ, sat-tarf ta' wara tal-qoxra.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tiġi speċifikata din il-miżura, kif huwa stabbilit fil-miżuri tekniċi fis-seħħ.*

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV– punt 5b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***5b) Id-daqs ta' granċ jittiekel għandu jitkejjel kif muri fil-figura 5a, billi tittieħed il-wisa' massima tal-qoxra mkejla b'mod perpendikulari mal-linja tan-nofs ta' wara tal-qoxra.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tiġi speċifikata din il-miżura, kif huwa stabbilit fil-miżuri tekniċi fis-seħħ.*

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – punt 5c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Emenda Id-daqs ta' bronja għandu jkun imkejjel kif muri fil-figura 5c, bħala t-tul tal-qoxra.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tiġi speċifikata din il-miżura, kif huwa stabbilit fil-miżuri tekniċi fis-seħħ.*

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – punt 5d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d) Id-daqs tal-pixxispad għandu jitkejjel, kif muri fil-figura 5d, billi jittieħed it-tul mill-furketta tax-xewka tad-denba sat-tarf tax-xedaq t'isfel.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tiġi speċifikata din il-miżura, kif huwa stabbilit fil-miżuri tekniċi fis-seħħ.*

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – Figura 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Figura 5a Għaġuża (Maia squinada)*** |



Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tiġi speċifikata din il-miżura, kif huwa stabbilit fil-miżuri tekniċi fis-seħħ.*

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – Figura 5b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Figura 5b Granċ jittiekel (Cancer pagarus)*** |



Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tiġi speċifikata din il-miżura, kif huwa stabbilit fil-miżuri tekniċi fis-seħħ.*

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – Figura 5c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Figura 5c Bronja (Buccinum spp)*** |
| |  |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tiġi speċifikata din il-miżura, kif huwa stabbilit fil-miżuri tekniċi fis-seħħ.*

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – Figura 5d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Figura 5d Pixxispad (Xiphias gladius)*** |
| |  |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tiġi speċifikata din il-miżura, kif huwa stabbilit fil-miżuri tekniċi fis-seħħ.*

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 1 – ringiela 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| Kavalli (scomber spp.) | ***20*** ċm |
| *Emenda* | |
| Kavalli (scomber spp.) | ***30*** ċm***[1a]*** |

______________

***[1a] Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardin, l-inċova, l-aringi, is-sawrell u l-kavalli ma japplikawx fil-limitu ta' 10 % f'piż ħaj tal-qbid totali miżmum abbord kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.***

***Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavalli ta' daqs inqas min-normal għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.***

***Dan il-persentaġġ jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test jiġi aġġustat għan-norma fl-obbligu ta' żbark.*

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 1 – ringiela 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| Aringi (Clupea harengus) | 20 ċm |
| *Emenda* | |
| Aringi (Clupea harengus) | 20 ċm***[1a]*** |

[1a] ***Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardin, l-inċova, l-aringi, is-sawrell u l-kavalli ma japplikawx fil-limitu ta' 10 % f'piż ħaj tal-qbid totali miżmum abbord kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.***

***Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavalli ta' daqs inqas min-normal għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.***

***Dan il-persentaġġ jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test jiġi aġġustat għan-*norma *fl-obbligu ta' żbark.*

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 1 – ringiela 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15 ċm |
| *Emenda* | |
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15 ċm ***[1a]*** |

***

*[1a] **Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardin, l-inċova, l-aringi, is-sawrell u l-kavalli ma japplikawx fil-limitu ta' 10 % f'piż ħaj tal-qbid totali miżmum abbord kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.***

***Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavalli ta' daqs inqas min-normal għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.***

***Dan il-persentaġġ jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test jiġi aġġustat għan-norma fl-obbligu ta' żbark.*

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 1 – ringiela 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| Inċova (*Engraulis encrasicolus*) | 12 ċm jew 90 individwu kull kilo |

*Emenda*

| | |
|---|---|
| Inċova (*Engraulis encrasicolus*) | l2 ċm jew 90 individwu kull kilo x[1a] |

***

*[1a] **Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardin, l-inċova, l-aringi, is-sawrell u l-kavalli ma japplikawx fil-limitu ta' 10 % f'piż ħaj tal-qbid totali miżmum abbord kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.***

***Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi,***

***sawrell jew kavalli ta' daqs inqas min-normal għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.***

***Dan il-persentaġġ jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test jiġi aġġustat għan-*norma *fl-obbligu ta' żbark.*

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 1 – ringiela 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sardin (*Sardina pilchardus*) 11 ċm

*Emenda*

Sardin (*Sardina pilchardus*) 11 ċm[1a]

---

[1a] ***Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardin, l-inċova, l-aringi, is-sawrell u l-kavalli ma japplikawx fil-limitu ta' 10 % f'piż ħaj tal-qbid totali miżmum abbord kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.***

***Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavalli ta' daqs inqas min-normal għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.***

***Dan il-persentaġġ jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux***

| | |
|---|---|
| | ***jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test jiġi aġġustat għan-norma fl-obbligu ta' żbark.*

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 1 – ringiela 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| Awwista (Homarus gammarus) | 87 mm |
| *Emenda* | |
| Awwista (Homarus gammarus) | 87 mm (***tul tal-karapaċa***) |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tinżamm kontinwità mar-regolamentazzjoni fis-seħħ.*

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 1 – ringiela 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| Awwista tal-ilma ħelu (Palinurus spp.) | 95 mm |
| *Emenda* | |
| Awwista tal-ilma ħelu (Palinurus spp.) | 95 mm (***tul tal-karapaċa***) |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tinżamm kontinwità mar-regolamentazzjoni fis-seħħ.*

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 2 – ringiela 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| L-iskampu (Nephrops norvegicus) | Tul totali 105 mm,<br>Tul tal-karapaċa 32 mm |

*Emenda*

| | |
|---|---|
| L-iskampu (Nephrops norvegicus) | Tul totali 105 mm,<br>Tul tal-karapaċa 32 mm<br>***Dnub tal-Iskampu 59 mm*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tinżamm kontinwità mar-regolamentazzjoni fis-seħħ.*

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 2 – ringiela 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| Kavalli (*scomber* spp.) | 20 ċm |

*Emenda*

| | |
|---|---|
| Kavalli (*scomber* spp.) | 20 ċm***[1a]*** |

***[1a] Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardin, l-inċova, l-aringi, is-sawrell u l-kavalli ma japplikawx fil-limitu ta' 10 % f'piż ħaj tal-qbid totali miżmum abbord kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.***

***Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavalli ta' daqs inqas min-normal għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-***

***art.***

***Dan il-persentaġġ jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test jiġi aġġustat għan-norma fl-obbligu ta' żbark.*

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 2 – ringiela 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| Aringi (Clupea harengus) | 18 ċm |
| *Emenda* | |
| Aringi (Clupea harengus) | 18 ċm***[1a]*** |

***[1a] Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardin, l-inċova, l-aringi, is-sawrell u l-kavalli ma japplikawx fil-limitu ta' 10 % f'piż ħaj tal-qbid totali miżmum abbord kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.***

***Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavalli ta' daqs inqas min-normal għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.***

***Dan il-persentaġġ jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test jiġi aġġustat għan-norma fl-obbligu ta' żbark.*

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti A – tabella 2 – ringiela 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| Sawrell (Trachurus spp.) | 15 ċm |

*Emenda*

| | |
|---|---|
| Sawrell (Trachurus spp.) | 15 ċm***[1a]*** |

___________________

***[1a] Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardin, l-inċova, l-aringi, is-sawrell u l-kavalli ma japplikawx fil-limitu ta' 10 % f'piż ħaj tal-qbid totali miżmum abbord kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.***

***Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavalli ta' daqs inqas min-normal għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.***

***Dan il-persentaġġ jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li t-test jiġi aġġustat għan-norma fl-obbligu ta' żbark.*

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 100 mm*** | ***Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta' 57º 30'N*** | ***Sajd dirett għal-lingwata u l-barbun tat-tbajja' (50 % tal-qbid) bi xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti u bit-tartarun tal-borża. Għandha titqabbad pannella b'malji ta' mill-inqas 90 mm.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti B – paragrafu 1 – tabella - ringiela 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 90 mm*** | ***Skagerrak u Kattegat*** | ***Għandha titwaħħal pannella superjuri b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 270 mm (malja djamant) jew 140 mm[1a] (malja kwadra).*** <br>______________ <br>***[1a] Fis-subtaqsima Kattegat, se titwaħħal pannella ta' malja kwadra ta' 120 mm (fix-*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | ***xbieki tat-tkarkir matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru u fit-tartarun tal-borża fil-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Ottubru).*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 80 mm | ***Iż-żona kollha*** | Sajd dirett għal Nephrops norvegicus jew speċijiet mhux koperti minn limiti ta' qbid. Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 120 mm jew gradilja li tissepara bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm, jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti. |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 80 mm | ***Taqsima IIa u IV tal-ICES*** | Sajd dirett għal Nephrops norvegicus (***20 % tal-qbid***). Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 120 mm jew gradilja li tissepara bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm, jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti.<br>***Sajd dirett għal speċijiet mhux koperti mil-limiti*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | ***ta' qbid (40 % tal-qbid). Għandha titqabbad malja kwadra ta' mill-anqas 80 mm. Sajd dirett għar-rebekkini (70 % tal-qbid).*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 80 mm*** | ***Diviżjoni VIIc tal-ICES*** | ***Sajd dirett għal-lingwata (15 % tal-qbid) bi xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti[1c]. Għandha titqabbad pannella b'malji ta' mill-inqas 80 mm.***<br>__________________<br>***[1c] It-total tal-qbid jista' jinkludi sa 10 % bakkaljaw u merluzz tal-linja sewda.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 80 mm | Diviżjoni IVb tal-ICES ***fin-Nofsinhar ta' 54°30'N*** u Diviżjoni IVc tal-ICES | Sajd dirett għal-lingwata bi xbieki tat-tkarkir bi travu jew ***xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku***. Pannella b'daqs tal-malja ta' 180 mm imwaħħla fin-nofs ta' fuq tal-parti ta' quddiem tax-xibka. |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 80 mm | Diviżjoni IVb tal-ICES u Diviżjoni IVc tal-ICES | Sajd dirett għal-lingwata (***20 % tal-qbid***) bi xbieki tat-tkarkir bi travu. ***Għandha tiġi installata*** pannella b'daqs tal-malja ta' 180 mm imwaħħla fin-nofs ta' fuq tal-parti ta' quddiem tax-xibka.<br>***Sajd dirett għall-merlangu (70 % tal-qbid). Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 100 mm.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 70 mm*** | ***Skagerrak u Kattegat*** | ***Sajd dirett lejn in-Nephrops norvegicus (30 % tal-qbid). Għandha titqabbad gradilja li tissepara bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti B – paragrafu 1 –tabella - ringiela 4b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 40 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Sajd dirett għall-klamar (85 % tal-qbid) (Lolignidae, Ommastrephidae)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 5**
*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – Parti B – paragrafu 2 – tabella - ringiela 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| | | |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 80 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Sajd dirett għall-ispnott, il-merlangu, il-barbun imperjali l-barbun tat-tbajja' u l-pollakkju (50 % tal-qbid)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – Parti B – paragrafu 2 – tabella – ringiela 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas ***80*** mm | Iż-żona kollha | Sajd dirett għal speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas ***60*** mm | Iż-żona kollha | Sajd dirett għal speċijiet mhux soġġetti għal-limiti ta' qbid ***(30 % tal-qbid)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – Parti B – paragrafu 2 – tabella – ringiela 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 50 mm | Iż-żona kollha | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar |

| *Emenda* | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 50 mm | Iż-żona kollha | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar ***(80 % tal-qbid)[1a]*** |
| | | ***[1a] Għas-sardin jista' jintuża daqs ta' malji ta' anqas minn 40 mm.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – Parti B – tabella - ringiela 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| | | |

| *Emenda* | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 40 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Is-sajd dirett għat-trilja, il-gambli kbar (Penaeus spp), il-gambli żgħar, il-barbun u l-bulhudi (40 % tal-qbid)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – Parti C – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) ***mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara, ġewwa ż-żona ġeografika limitata b'linja li tgħaqqad b'mod sekwenzjali il-koordinati li ġejjin:*** | a) ***Dawk il-bastimenti tat-tkarkir fil-fond li jissodisfaw dawn il-karatteristiċi jistgħu jistadu fiż-żona magħluqa stabbilita:*** |
| – ***43°46,5'N, 07°54,4'W*** | – ***Użu ta' malja ta' 70 mm jew akbar; u*** |
| – ***44°01,5'N, 07°54,4'W*** | – ***Il-qbid medju tagħhom ta' merluzz fis-sena ta' qabel ma jkunx jaqbeż it-8 % mit-total tal-qbid.*** |
| – ***43°25,0'N, 09°12,0'W*** | |
| – ***43°10,0'N, 09°12,0'W*** | |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-użu maġġoritarju tal-malja ta' 70 mm fil-flotta tat-tkarkir fil-fond tal-Grigal tal-Kantabriju, il-merluzz jirrappreżenta biss 7 % tal-qbid.*

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – Parti C – paragrafu 4 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-użu ta' xbieki statiċi ***fis-sottożoni VIII,*** IX, X u XII tal-ICES Lvant ta' 27°W | 4. L-użu ta' xbieki statiċi f***is-subżoni*** IX, X u XII tal-ICES Lvant ta' 27°W |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Fis-subżona VIII tradizzjonalment jintużaw xbieki statiċi taħt fond ta' 800 metru. Huwa preferibbli li tinżamm is-sitwazzjoni attwali sabiex jiġu evitati diffikultajiet operattivi bid-dħul fis-seħħ tar-regolament. Jekk ikun meħtieġ, il-pjanijiet ta' ġestjoni jkunu jistgħu jwettqu l-aġġustamenti meħtieġa.*

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – Parti C – paragrafu 4 – subparagrafu 4.2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4.2. Sajd dirett għal klieb il-baħar tal-fond kif imniżżel fl-Anness I tar-Regolament ***(KE) Nru 2347/2002 f'fond*** ta' anqas minn 600 metru għandu jkun ipprojbit. Meta jinqabdu inċidentalment klieb il-baħar tal-fond għandhom jinżammu abbord. Dawn il-qabdiet għandhom jinħattu l-art u jingħaddu kontra l-kwoti. Meta l-qabdiet aċċessorji ta' klieb il-baħar tal-fond mill-bastimenti ta' kwalunkwe Stat Membru jaqbżu l-10 tunnellati, dawn il-bastimenti ma jistgħux igawdu aktar mid-derogi ***kif deskritti*** fil-punt 1. | 4.2. Sajd dirett għal klieb il-baħar tal-fond kif imniżżel fl-Anness I tar-Regolament (***UE***) ***Nru 2016/2336 f'żoni b'fond*** ta' anqas minn 600 metru għandu jkun ipprojbit. Meta jinqabdu inċidentalment klieb il-baħar tal-fond ***li s-sajd tagħhom huwa espliċitament ipprojbit mid-dritt tal-Unjoni, dawn għandhom jerġgħu jintefgħu lura l-baħar kemm jista' jkun malajr. Il-qabdiet ta' speċijiet ta' klieb il-baħar tal-fond soġġetti għal limiti ta' qbid*** għandhom jinżammu abbord. Dawn il-qabdiet għandhom jinħattu l-art u jingħaddu kontra l-kwoti. ***F'każ li Stat Membru ma jkollux kwota suffiċjenti, il-Kummissjoni tista' tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 105(5) tar-Regolament (UE) Nru 1224/2009***. Meta l-qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar tal-fond mill-bastimenti ta' kwalunkwe Stat Membru jaqbżu l-10 tunnellati, dawn il-bastimenti ma jistgħux igawdu aktar mid-derogi ***stipulati*** fil-punt 1. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jingħata trattament differenzjat lill-ispeċijiet ta' klieb il-baħar tal-fond li s-sajd tagħhom huwa pprojbit minn dawk li huma soġġetti għal limiti ta' qbid.*

**Emenda 198**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – Parti D**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[…]*** | ***imħassar*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-preżenza ta' ċetaċji fiż-żona hija ferm skarsa, u prattikament m'hemm ebda qbid aċċidentali tagħhom. Fiż-żona m'hemmx speċijiet sensittivi ta' għasafar tal-baħar.*

**Emenda 199**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII– Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 120 mm | Iż-żona kollha | Il-manka u biċċa ta' estensjoni għandhom jinbnew bi xbieki T90 |
| *Emenda* | | |
| Mill-anqas 120 mm | Iż-żona kollha | Il-manka u biċċa ta' estensjoni għandhom jinbnew bi xbieki T90 xx<br>__________________<br>[1a] ***Il-qbid jista' jikkonsisti f'aringi sa 45 % f'piż ħaj.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 105 mm | Iż-żona kollha | Għandha titqabbad tieqa tal-ħruġ Bacoma b'daqs tal-malja ta' mill-anqas ***110*** mm |
| *Emenda* | | |
| Mill-anqas 105 mm | Iż-żona kollha | Għandha titqabbad tieqa tal-ħruġ Bacoma b'daqs tal-malja ta' mill-anqas ***120*** mm [1a] |

***[1a] L-użu ta' tartaruni bit-travu mhuwiex awtorizzat.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 201**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 3a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | |

| | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 90 mm*** | ***Fis-subdiviżjonijiet 22 u 23*** | ***Sajd dirett għal speċi ta' pixxiċatt (90 % tal-qbid) [1a]***<br>***Sajd dirett għall-merlangu (90 % tal-qbid).*** |

***[1a] L-użu ta' tartaruni bit-travu mhuwiex awtorizzat***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tinżamm kontinwità mad-daqsijiet tal-malji użati attwalment.*

**Emenda 202**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| *Emenda* | | |
| ***Mill-anqas 32 mm*** | ***Subdiviżjoni 22-27*** | ***Sajd dirett lejn l-aringa, il-kavall, is-sawrell u l-istokkafixx (80 % tal-qbid).*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 203**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 3c (ġdid)**

| | | |
|---|---|---|
| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
| | | |
| *Emenda* | | |
| ***Mill-anqas 16 mm*** | ***Subdiviżjonijiet 22-27*** | ***Sajd dirett għal-laċċa kaħla (55 % tal-qbid)[1a]***<br>______________<br>***[1a] Il-qbid jista' jikkonsisti f'aringa sa 45 % f'piż ħaj.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 3d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| *Emenda* | | |
| ***Mill-anqas 16 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Sajd dirett għal speċijiet mhux soġġetti għal TAC (ħlief għall-barbun) (60 % tal-qbid)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 205**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII– Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 4**

| | | |
|---|---|---|
| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
| Mill-anqas 105 mm | ***Iż-żona kollha*** | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar |
| *Emenda* | | |
| Mill-anqas 16 mm | ***Subdiviżjonijiet 28-32*** | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar ***(80 % tal-qbid)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 206**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 3a (ġdid)**

| | | |
|---|---|---|
| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
| | | |
| *Emenda* | | |
| ***Anqas minn 16 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Sajd dirett għaċ-ċiċċirella (90 % tal-*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | ***qbid).*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 207**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 2 – tabella – ringiela 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 157 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Sajd dirett għas-salamun*** |

*Emenda*

***imħassar***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-tabella kollha għandha tiġi adattata għall-prattika attwali tas-sajd*

**Emenda 208**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 2 – tabella – ringiela 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 110 mm | Iż-żona kollha | Sajd dirett għall-bakkaljaw u speċijiet ta' pixxiċatti |
| *Emenda* | | |
| Mill-anqas 110 mm | Iż-żona kollha | ***Xejn***[1a] |

***[1a] Għas-sajd dirett għas-salamun (30 % tal-qbid) għandu jintuża daqs ta' malja ta' mill-anqas 157 mm.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tinżamm kontinwità mad-daqsijiet tal-malji użati attwalment.*

**Emenda 209**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 2 – tabella – ringiela 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| ***Iżgħar minn 110*** mm | Iż-żona kollha | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar |
| *Emenda* | | |
| ***Mill-anqas 90*** mm | Iż-żona kollha | Sajd dirett għal speċijiet ta' ***pixxiċatt (50 % tal-qbid)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 210**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 2 – tabella – ringiela 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| | | |
| *Emenda* | | |
| ***Anqas minn 90 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Sajd dirett għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar (80 % tal-qbid)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – Parti B – paragrafu 2 – tabella – ringiela 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| | | |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 16 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Sajd dirett għall-ispeċijiet mhux soġġetti għal TAC (ħlief għall-barbun (60 % tal-qbid)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 20 mm | Iż-żona kollha | Sajd immirat għas-sardin u l-inċova. |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 20 mm | Iż-żona kollha | Sajd dirett ***(80 % tal-qbid)*** għas-sardin u l-inċova |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan it-tip ta' sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 213**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – Parti B – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Daqsijiet ta' referenza tal-malji għal tartaruni bil-borża***

| ***Daqs tal-malja*** | ***Żoni ġeografiċi*** | ***Kundizzjonijiet*** |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 14 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Xejn*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-tartarun bil-borża mhuwiex irkaptu tat-tkarkir u għandu jitpoġġa f'paragrafu separat.*

**Emenda 214**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – Parti B – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Id-daqsijiet tal-malja ***għax-xbieki statiċi*** li ġejjin għandhom japplikaw fil-Mediterran. | Id-daqsijiet tal-malja ***għall-għażel tal-qiegħ*** li ġejjin għandhom japplikaw fil-Mediterran. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tinżamm kontinwità mad-daqsijiet tal-malji użati attwalment.*

**Emenda 215**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – Parti B – paragrafu 1 – nota ta' qiegħ il-paġna 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| [1] Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' xbieki bi ħxuna tal-ispag akbar minn ***3*** mm jew bi spag doppju; jew xbieki bi ħxuna tal-ispag | [1] Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' xbieki bi ħxuna tal-ispag akbar minn ***5*** mm jew bi spag doppju; jew xbieki bi ħxuna tal-ispag |

| | |
|---|---|
| akbar minn 6 mm fi kwalunkwe parti ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ. | akbar minn 6 mm fi kwalunkwe parti ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Skont studju xjentifiku li sar mill-Instituto Español de Oceanografía, żieda fil-ħxuna tal-ħabel mhijiex ġustifikata mill-perspettiva tal-konservazzjoni u għandha impatt ekonomiku negattiv, li twassal għal tkagħbir u qtugħ frekwenti. Barra minn hekk, id-deterjorament ikkawżat mill-użu ta' ħajta fina u li taqta' inaqqas il-prezz tal-qbid u jikkawża żieda bla bżonn fl-iskart. Dan joħoloq ukoll problemi għall-immanuvrar tal-bastimenti u għas-sigurtà.*

**Emenda 216**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – Parti B – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a) L-eċċezzjonijiet li jeżistu fid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1, 1a u 2 ta' din il-parti mill-irkapti bil-borża affettwati minn pjan ta' ġestjoni li jirreferi għalih l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u li huma adottati skont l-Artikolu 9 tiegħu se jibqgħu fis-seħħ sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor permezz tal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tinżamm kontinwità mad-daqsijiet tal-malji użati attwalment.*

**Emenda 217**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – Parti C – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandu jkun ipprojbit li jkun hemm abbord jew jiġu ssettjati aktar minn 250 nassa jew kavetta għal kull bastiment sabiex jinqabdu krustaċji ***tal-qiegħ (inklużi*** | Għandu jkun ipprojbit li jkun hemm abbord jew jiġu ssettjati aktar minn 250 nassa jew kavetta għal kull bastiment sabiex jinqabdu krustaċji ***tal-qiegħ tal-*** |

| | |
|---|---|
| ***Plesionika spp., Pasiphaea spp. jew speċijiet simili).*** | ***oċean****.* |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiġi rrestawrata t-terminoloġija użata fl-Anness II – paragrafu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006. Il-formolazzjoni proposta se taffettwa s-sajd tal-Plesionika, li ma jsirx fiż-żona tal-qiegħ tal-oċean.*

**Emenda 218**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – Parti C – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-sajd dirett għall-paġell aħmar (Pagellus bogaraveo) bl-irkaptu li ġej għandu jkun ipprojbit: | Is-sajd dirett għall-paġell aħmar (Pagellus bogaraveo) ***(20 % tal-qbid)*** bl-irkaptu li ġej għandu jkun ipprojbit: |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan is-sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 219**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – Parti C – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a) Restrizzjonijiet ta' sajd bl-azzarini fis-sajd ta' taħt il-baħar*** |
| | ***Huwa pprojbit is-sajd b'azzarini tas-sajd ta' taħt il-baħar permezz ta' għadis bl-akkwalung jew matul il-lejl miż-żerniq sa nżul ix-xemx.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tinżamm kontinwità mas-sitwazzjoni attwali fl-applikazzjoni tal-miżuri tekniċi*

*għas-sajd rikreattiv.*

**Emenda 220**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – Parti B – paragrafu 1 – Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Daqsijiet tal-malja bażiċi għal irkaptu rmunkat | 1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat ***fi stokks demersali***. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ċċarat liema rkapti huma affettwati minn dan ir-Regolament.*

**Emenda 221**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – Parti B – paragrafu 1 – tabella – ringiela 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas ***50*** mm | Iż-żona kollha | ***Bħala alternattiva*** jistgħu jintużaw manki b'malji ***kwadri ta' 40 mm*** |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas ***40*** mm | Iż-żona kollha | Jistgħu jintużaw manki b'malji ***maqrut ta' 50 mm***[1a] ***bħala alternattiva għall-manka b'malji kwadri ta' 40 mm fuq talba debitament ġustifikata ta' sid il-bastiment.*** |

___________________

[1a] ***Jista' jittella' abbord jew jinfetaħ tipi wieħed biss ta' xibka (kemm jekk tkun ta' 40 mm ta' malji kwadri jew 50 mm ta' malji maqrut)***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni għandha tiġi adattata skont it-tip ta' sajd.*

**Emenda 222**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – Parti B – paragrafu 2 – tabella – ringiela 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 400 mm | Iż-żona kollha | Sajd ***dirett għall-barbun*** imperjali |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 400 mm | Iż-żona kollha | Sajd ***ta' barbun*** imperjali ***b'għeżula tat-tisqif tal-fond*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiġi ċċarata d-definizzjoni tal-prattika tas-sajd.*

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**
**Anness X − Parti C**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Parti C*** | ***imħassar*** |
| ***Żoni magħluqin jew ristretti*** | |
| ***Għeluq Staġunali għall-protezzjoni tal-barbun imperjali*** | |
| ***Sajd dirett, trasbord, ħatt u l-ewwel bejgħ ta' barbun imperjali għandhom ikunu permessi mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju kull sena fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar Iswed.*** | |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiġi ċċarata d-definizzjoni tal-prattika tas-sajd.*

**Emenda 224**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – Parti A – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Daqsijiet tal-malja bażiċi għal irkaptu rmunkat | ***1.*** Daqsijiet tal-malja bażiċi għal irkaptu rmunkat |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-tartarun bil-borża mhuwiex irkaptu tat-tkarkir u għandu jitpoġġa f'paragrafu separat.*

**Emenda 225**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – Parti A – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-daqsijiet tal-malja tal-manka li ġejjin għandhom japplikaw ***fir-Reġjuni Ultraperiferiċi.*** | Id-daqsijiet tal-malja tal-manka li ġejjin għandhom japplikaw ***fl-ilmijiet tal-Unjoni fl-Oċean Indjan u fl-Atlantiku tal-Punent*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-formulazzjoni attwali tagħti lok għal konfużjoni għaliex l-ilmijiet tal-Gżejjer Azores, Kanarji u Madeira jistgħu jiġu inklużi fost l-ilmijiet tal-Lbiċ (Anness VII) jew ir-reġjuni ultraperiferiċi (Anness XI). Sabiex tiġi eliminata l-possibbiltà ta' konfużjoni, l-aktar soluzzjoni sempliċi tkun li jiġi mmodifikat it-titolu tal-Anness XI.*

**Emenda 226**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – Parti A – tabella - ringiela 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 45 mm | L-ibħra kollha barra mill-kosta tad-dipartiment Franċiż ta' Guyana li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni | Sajd dirett għall-gamblu (Penaeus subtilis, Penaeus brasiliensis, Xiphopenaeus |

| | | |
|---|---|---|
| | ta' Franza. | kroyeri). |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Mill-anqas 45 mm | L-ibħra kollha barra mill-kosta tad-dipartiment Franċiż ta' Guyana li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza. | Sajd dirett għall-gamblu (Penaeus subtilis, Penaeus brasiliensis, Xiphopenaeus kroyeri) ***(15 % tal-qbid)*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ddefinit daqs tal-malja speċifiku għal dan is-sajd skont il-kompożizzjoni tal-qbid.*

**Emenda 227**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – Parti A – tabella - ringiela 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 14 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar bi xbieki tat-tidwir*** |

*Emenda*

***imħassar***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-tartarun bil-borża mhuwiex irkaptu tat-tkarkir u għandu jitpoġġa f'paragrafu separat.*

**Emenda 228**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – Parti A – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Daqs tal-malja ta' referenza għax-xbieki bil-borża*** |
| | ***Għandhom jiġu applikati d-daqsijiet tal-malja li ġejjin għax-xbieki bil-borża fl-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ilmijiet tal-Unjoni fl-Oċean Indjan u fl-Atlantiku tal-Punent*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-tartarun bil-borża mhuwiex irkaptu tat-tkarkir u għandu jitpoġġa f'paragrafu separat.*

**Emenda 229**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – Parti A – paragrafu 1a (ġdid) – tabella (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| ***Daqs tal-malja*** | ***Żoni ġeografiċi*** | ***Kundizzjonijiet*** |
|---|---|---|
| ***Mill-anqas 14 mm*** | ***Iż-żona kollha*** | ***Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar bi xbieki tat-tidwir*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-tartarun bil-borża mhuwiex irkaptu tat-tkarkir u għandu jitpoġġa f'paragrafu separat.*

# NOTA SPJEGATTIVA

## 1. Sfond tal-proposta tal-Kummissjoni

L-objettiv tal-miżuri tekniċi huwa li jillimitaw il-qbid mhux mixtieq, kemm ta' ħut li jkun għadu qed jikber kif ukoll ta' speċijiet differenti minn dawk fil-mira, u li jitnaqqsu l-impatti tas-sajd fuq l-ispeċijiet u l-ekosistemi vulnerabbli. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-miżuri tekniċi jirregolaw x'jista' jiġi mistad, kif, biex, meta u fejn. Fi kliem ieħor, dawn jirregolaw id-diversi metodi ta' sajd, kif ukoll ir-restrizzjonijiet f'termini ta' spazju u ħin, l-ispeċijiet ipprojbiti jew il-miżuri għall-protezzjoni tal-ekosistemi vulnerabbli. Dawn jistabbilixxu regoli dwar id-disinn u karatteristiċi tekniċi oħrajn tal-irkapti tas-sajd u dwar l-użu tagħhom. Huma jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar il-karatteristiċi tal-qbid kif ukoll id-daqsijiet minimi tal-ħut jew il-kompożizzjoni tal-qbid.

Il-miżuri tekniċi huma element bażilari tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Maż-żmien, il-miżuri tekniċi akkumulaw b'mod mifrux f'aktar minn tletin regolament. Attwalment jikkostitwixxu sistema kkumplikata, eteroġenja u diżorganizzata ta' dispożizzjonijiet, li spiss huma neqsin mill-koerenza u saħansitra jaslu biex ikunu kontradittorji. Minħabba f'hekk huwa diffiċli biex jiġu applikati mis-sajjieda u dan ħoloq nuqqas ta' fiduċja fosthom. Minkejja l-ħtieġa ċara għal reviżjoni u simplifikazzjoni, iż-żewġ tentattivi li saru f'issa, fl-2002 u fl-2004, ma rnexxewx.

Ir-riforma tal-PKS tal-2013 daħħlet żewġ elementi li jimmodifikaw sostanzjalment il-kuntest fi fih jintużaw il-miżuri tekniċi. Minn naħa waħda, ir-reġjonalizzazzjoni għandha tqarreb it-teħid ta' deċiżjonijiet lejn il-livell lokali, billi tippermetti l-parteċipazzjoni diretta tal-partijiet interessati. Min-naħa l-oħra, l-obbligu ta' żbark huwa inċentiv sabiex is-sajjieda jevitaw qbid mhux mixtieq, li huwa wieħed mill-kompiti ewlenin tal-miżuri tekniċi.

## 2. Il-kontenut tal-proposta

Fil-11 ta' Marzu 2016 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għar-riforma tal-miżuri tekniċi. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tissimplifika r-regoli fis-seħħ, ittejjeb il-kontribuzzjoni tal-miżuri tekniċi sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS il-ġdida, u b'mod partikolari, li jinkiseb rendiment massimu sostenibbli u tinħoloq il-flessibbiltà meħtieġa sabiex il-miżuri tekniċi jiġu aġġustati għall-karatteristiċi partikolari tad-diversi tipi ta' sajd permezz ta' proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq bażi reġjonali.

Il-proposta hija bbażata fuq ġabra sħiħa ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali għall-ibħra kollha u diversi ġabriet ta' miżuri ta' referenza għal kull waħda mis-seba' baċiri marittimi. Hija tistabbilixxi wkoll id-delegazzjoni tal-poteri għall-iżvilupp ta' miżuri reġjonali.

B'hekk, is-simplifikazzjoni, flimkien mar-reġjonalizzazzjoni, jikkostitwixxu l-qofol tal-proposta. Il-Kummissjoni għażlet it-triq li telimina massimu ta' regoli ta' referenza tal-qafas ġenerali, filwaqt li tagħti marġni wiesgħa lir-reġjonalizzazzjoni, li se jippermetti li r-regoli ta' referenza jiġu adattati għal kull tip ta' sajd. Min-naħa l-oħra, ir-reġjonalizzazzjoni hija ppreżentata bħala mezz għas-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni. Barra minn hekk, wieħed jittama li r-reġjonalizzazzjoni ttejjeb l-effikaċja tal-miżuri tekniċi billi dawn jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa.

## 3. Pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur jilqa' b'sodisfazzjoni l-approċċ ibbażat fuq ir-riżultati kif propost mill-Kummissjoni. Wieħed jittama li dan l-approċċ inaqqas l-użu tal-mikroġestjoni u jippromwovi involviment akbar tas-settur. L-isfida ta' dan id-dokument huwa li jiġu stabbiliti l-limiti bejn, minn naħa waħda, is-simplifikazzjoni u l-ħtieġa ta' regoli dettaljati f'każijiet partikolari, u min-naħa l-oħra, ir-reġjonalizzazzjoni u r-regoli li għandhom jinżammu taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

L-ewwel diffikultà hija li għalkemm l-istituzzjonijiet kif ukoll il-partijiet interessati jilqgħu b'mod ferm favorevoli s-simplifikazzjoni u r-reġjonalizzazzjoni, il-viżjonijiet rispettivi tagħhom dwar dawn il-kunċetti jvarjaw konsiderevolment. Pereżempju, il-Kummissjoni tipproponi simplifikazzjoni, billi tiġi stabbilita bażi komuni għall-baċiri kollha u billi jiġu eliminati għadd kbir ta' derogi eżistenti. Bħala konsegwenza, għadd konsiderevoli ta' tipi ta' sajd isiru illegali minn jum għall-ieħor. Dan huwa wieħed mil-limiti tas-simplifikazzjoni. Min-naħa l-oħra, f'xi fora hemm biża' li r-reġjonalizzazzjoni hija mezz biex tiġi nnazzjonalizzata l-adozzjoni ta' miżuri tekniċi. Madankollu, kemm it-Tattat ta' Lisbona kif ukoll il-Politika Komuni tas-Sajd jistabbilixxu limiti għal din il-konsegwenza possibbli.

Fir-rigward tal-objettivi u l-isfidi tal-miżuri tekniċi, ir-rapporteur ma jaqbilx mal-approċċ tal-Kummissjoni. Għalkemm huwa jappoġġa l-approċċ ibbażat fuq riżultati u jidhirlu li jenħtieġ li tiġi evalwata l-effikaċja tal-miżuri tekniċi, jikkunsidra li huwa preferibbli li t-terminu "sfidi" jiġi ssostitwit bit-terminu "indikaturi tal-effikaċja". Dan it-terminu jaġġusta aħjar għall-funzjoni ta' evalwazzjoni tal-effikaċja.

Huwa lanqas ma jaqbel ma' formulazzjoni fejn it-twettiq tal-objettivi tal-PKS ikun jiddependi esklussivament fuq il-miżuri tekniċi. Il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS, iżda huma biss wieħed mill-istrumenti tagħha, l-istess bħall-pjanijiet pluriennali, it-TACs, il-kwoti u strumenti oħrajn. Għaldaqstant huwa preferibbli li jintuża t-terminu "jikkontribwixxu" minflok "jiggarantixxu".

Ma jidhirx li huwa raġonevoli li tintuża tolleranza ta' 5 % għal qbid taħt id-daqs minimu bħala mira. Għandu jitfakkar li dan il-5 % huwa biss eċċezzjoni għal strument bħall-obbligu ta' żbark. Għal din ir-raġuni, jidher eċċessiv li dan jiġi elevat għall-kategorija ta' mira. Madankollu, jidher li huwa raġonevoli li jintuża r-Rendiment Massimu Sostenibbli, li huwa objettiv veru tal-PKS bħala indikatur tal-effikaċja.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li jiġu stabbiliti diversi miri skont id-direttivi differenti. B'mod ċar, il-miżuri tekniċi, l-istess bħall-kumplament tal-PKS, għandhom ikunu konformi mal-politika ambjentali tal-Unjoni, iżda jekk il-miri ta' Regolament ikunu bbażati fuq direttivi dan joħloq diversi problemi li jagħtu lok għal inċertezza legali.

Mid-definizzjoni tagħhom stess, id-direttivi huma indirizzati lill-Istati Membri li għandhom jittrasponuhom fil-liġijiet nazzjonali. Id-direttivi f'ebda każ ma jkollhom bħala s-suġġett tagħhom ir-regolamenti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew. Iżda barra minn hekk, fil-każ tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, m'hemm ebda rabta mal-miżuri tekniċi, peress li dawn m'għandhomx impatt fuq il-kwalità tal-ilma.

Fil-każ tad-Direttiva Qafas dwar l-istrateġija tal-baħar, hemm problemi serji, kif intwera anki biex jinstabu deskritturi u biex jiġi stabbilit stat tajjeb ambjentali. Żewġ Stati Membri biss ippreżentaw xi definizzjonijiet adegwati tal-istat tajjeb ambjentali fir-rigward tal-istat tajjeb tar-riżorsi tas-sajd sfruttati kummerċjalment. F'disgħa minnhom id-definizzjoni ġiet

ikkwalifikata bħala parzjalment adegwata u f'disgħa oħra l-Kummissjoni dehrilha li kienet inadegwata.

Fir-rigward tad-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marina, din tidher kemm bħala objettiv speċifiku (Artikolu 3) kif ukoll bħala mira (Artikolu 4), ħaġa li tagħmel il-proposta diffiċli biex tinftiehem. Problema oħra hija dderivata mill-fatt li finalment, il-miri tal-miżuri tekniċi se jiġu ffissati minn Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Ikun anomalu jekk l-objettivi ta' Regolament tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew ikunu ffissati permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

L-iffissar ta' objettivi bbażati fuq ftehimiet internazzjonali jqajjem problemi ta' natura differenti. Il-Kummissjoni tipproponi li l-objettivi tal-miżuri tekniċi jiġu stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali, sew jew ikunu ffirmati mill-UE jew le.

S'issa, meta l-UE ffirmat ftehim internazzjonali dwar il-miżuri tekniċi, dan ġie traspost fid-dritt tal-UE. Pereżempju, hemm regolamenti dwar miżuri tekniċi bħala reazzjoni għal rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti[1] jew għal konvenzjonijiet internazzjonali wkoll fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u li l-UE hija parti kontraenti għalihom[2].

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tiżgura li jiġi osservat massimu ta' qabdiet aċċessorji ta' speċijiet mhux sfruttati kummerċjalment li jkun anqas mil-livelli stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali. L-ewwel nett, peress li hija ma ssemmix dawn il-ftehimiet internazzjonali, titfaċċja kwistjoni ta' natura istituzzjonali, peress li d-dispożizzjoni proposta tista' timplika t-traspożizzjoni awtomatika fid-dritt tal-Unjoni ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali, inklużi dawk konklużi bejn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-UE jiġu adottati permezz tal-proċedura ta' kunsens u li l-Parlament ma jiġix involut fin-negozjati tal-kontenut, filwaqt li għar-Regolament dwar il-miżuri tekniċi tiġi applikata l-proċedura ta' kodeċiżjoni.

**Simplifikazzjoni u regoli ddettaljati**

Ir-rapporteur jilqa' s-simplifikazzjoni, filwaqt li jqis li l-leġiżlazzjoni fis-seħħ hija prolifika u diffiċli biex tinftiehem, u minħabba f'hekk huwa diffiċli li tiġi applikata b'mod korrett. Madankollu, fil-każ tal-annessi proposti mill-Kummissjoni, din is-simplifikazzjoni tmur 'il bogħod wisq u tistabbilixxi miżuri li mhumiex adattati għas-sitwazzjoni attwali. Il-Kummissjoni lanqas ma kkunsidrat il-ħtieġa li tirrisolvi wħud mill-problemi li nqalgħu fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali.

Fil-proposta tal-Kummissjoni s-simplifikazzjoni dejjem tagħti lok għal diskrepanza bejn il-miżuri tekniċi miġbura fl-annessi, li se jidħlu fis-seħħ immedjatament, u l-miżuri li se jiġu adottati skont is-sistema tar-reġjonalizzazzjoni, li se jiġu adottati wara u se jimmodifikaw dawk l-annessi. Din id-diskrepanza fil-ħin tista' tagħti lok għal konfużjoni fil-prattika u tista' twaqqaf immedjatament ċerti tipi ta' sajd.

Ir-rapporteur jikkunsidra li s-simplifikazzjoni m'għandhiex tfisser li r-regoli jerġgħu jiġu

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 734/2008 dwar il-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli f'ibħra internazzjonali mill-impatti ħżiena tal-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ,

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 520/2007 u r-Regolament (KE) Nru 302/2009 (Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku) u r-Regolament (KE) Nru 601/2004 (il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku)

vvintati mill-ġdid, iżda li r-regoli eżistenti għandhom isiru jinftiehmu aħjar sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom mis-sajjieda. Sabiex jiġi evitat li jinħolqu problemi, se jkun meħtieġ li jinżamm l-istatus quo sa fejn dan ikun possibbli f'dan ir-regolament.

**Reġjonalizzazzjoni u regoli ta' referenza**

Ir-rapporteur jikkunsidra li d-deċiżjonijiet adottati f'livell lokali jistgħu jwasslu għal leġiżlazzjoni aħjar billi din tiġi adattata għall-karatteristiċi speċifiċi ta' tip ta' sajd jew ta' baċir marittimu. Ir-reġjonalizzazzjoni għandha tippermetti li jiġu aġġustati d-deċiżjonijiet dwar miżuri tekniċi għar-realtà tas-sajd. L-objettiv huwa li tiġi eliminata r-riġidità li teżisti fir-regolazzjoni attwali u li tiġi promossa leġiżlazzjoni aktar evoluzjonarja u adattata għall-qasam. L-approċċ tar-reġjonalizzazzjoni huwa koerenti mar-rieda li ma nibqgħux nibbażaw is-suċċess tal-miżuri tekniċi fuq ir-riżultati. In-naħa l-oħra tal-munita hija t-telf ta' poter tal-Parlament Ewropew.

Ir-reġjonalizzazzjoni m'għandhiex twassal għal xenarju estrem fejn ir-regoli ta' referenza jispiċċaw ridotti biss għal espressjoni u li l-applikazzjoni ta' aspetti fundamentali tkun tista' tiġi mmodifikata permezz ta' atti delegati. Dan ifisser li dak li jiġi deċiż fir-Regolament dwar miżuri tekniċi jkun purament tranżitorju: il-Kummissjoni, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti tal-Istati Membri, u mingħajr il-Parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew, tkun tista' tbiddel permezz ta' atti delegati elementi bażiċi ta' dan ir-Regolament. Dan ikun inaċċettabbli.

Ir-reġjonalizzazzjoni f'ebda każ m'għandha twassal għar-rinazzjonalizzazzjoni. Għandu jitfakkar li l-politika tas-sajd tal-UE hija politika komuni, u dan mhuwiex b'kombinazzjoni: l-istokks kondiviżi u migratorji għandhom jiġu mmaniġġjati b'mod konġunt. Għaldaqstant, xi prinċipji bażiċi importanti għandhom jibqgħu soġġetti għal kodeċiżjoni mill-istituzzjonijiet ċentrali tal-UE. Dan għandu jwassal għal kundizzjonijiet ugwali bejn l-operaturi fl-UE kollha u jiffaċilita l-applikazzjoni u l-insegwiment tal-miżuri tekniċi.

Ir-rapporteur jikkunsidra li l-pjanijiet pluriennali għandu jkollhom rwol fundamentali fil-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u li dawn huma l-veikolu l-aktar adattat għall-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi speċifiċi fil-proċess ta' reġjonalizzazzjoni.

Naturalment, ir-reġjonalizzazzjoni m'għandhiex tkun ostakolata min-nuqqas ta' pjanijiet pluriennali. F'dan il-każ, l-Istati Membri m'għandhomx jinżammu milli jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti fil-livell reġjonali li jagħtu lok għal atti delegati tal-Kummissjoni, skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku tal-PKS.